Diċembru 2015 • Vol 22 • Nru. 4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp



**Fil-Paġni ta' ġewwa:**

Messaġġ mis-Sur Michael Cassar f'għeluq is-sena mill-ħatra tiegħu bħala Kummissarju tal-Pulizija kif ukoll messaġġ t'awguri għall-Milied ħieni u s-Sena t-tajba mill-Kummissarju lill-membri tal-Korp.

**U aktar…**

*Newspaper Post*

Advert

Diċembru 2015 • Vol 22 • Nru. 4
IL-PULIZIJA
Xogħolna u ħajjitna fil-Korp

# WERREJ




Ritratt - Sezzjoni Fotografija - FSL

**11**


**20**


**25**


**49**


5. Editorjal

6. Messaġġ mill-Ministru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali Carmelo Abela lill-membri tal-Korp tal-Pulizija

8. Messaġġ mill-Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija

11. Dan l-aħħar...

20. Mill-privat, lill-Korp u għall-Komunita'

23. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

25. Ngħallmu u nitgħallmu mal-anzjani

26. Mal-Passi tal-Korp

29. Lejn bidla fil-mentalità

33. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

34. Il-Ktieb dwar l-Istorja tal-Kunstabbjular Ammiraljali f'Malta

37. Paġna għat-Tfal

38. X'għajnuna tista' tfittex waqt żminijiet diffiċli

43. Malta Police Association

49. Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

55. Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

57. International Police Association - Malta

60. Malta Association of Retired Police Officers

62. Obitwarju

IL-PULIZIJA

Membri tal-Bord Editorjali:

President: Assistent Kummissarju Mario Spiteri
Editur: Spettur Graziella Buhagiar Muscat
Membri: Supt Antonello Grech
WPS 101 Roberta Grima
WPC 25 Charlene Cilia
PC 256 Kurt Bugeja Coster

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom. L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:

Editur, "Il-Pulizija", C.M.R.U.,
Police Headquarters, Floriana, VLT 2000
jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar

Ability Publications Ltd.
Tel: 21 241317, 27 241345
Fax: 21 241317
e-mail: refer@maltanet.net

Stampar

GUTENBERG PRESS

advert

# Editorjal

La wasal il-magazin if-isser li wasal ix-xahar ta' Diċembru; ix-xahar tal-festi, u jfisser li l-akbar żewġ avvenimenti fil-pajjiż tul ix-xahar ta' Novembru għaddew! Min jaf kemm għedna iġri jgħaddu! Għalkemm għal xi wħud minna l-Milied iġib aktar xogħol miegħu, peress li l-Pulizija jridu jkunu iktar viġilnti, xorta waħda dan hu żmien li l-maġġor parti tal-membri tagħna jkollhom ċans jirrilassaw u forsi jgawdu lill-għeżież tagħhom iktar mill-kumplament tas-sena.

Dan il-Milied hu partikulari, għax ġie wara perjodu ta' *stop leave*, u wara ġranet twal ta' rinforz. Għalhekk żgur li lkoll ħaqqkom tgawduh bl-aħjar mod possibbli.



Nawgura lil kull membru tal-Korp iqatta' kemm jista' ħin kif tixtieq qalbu f'dan ix-xahar, biex wara t-tokki tal-Ewwel tas-Sena, inkunu nistgħu nxammru l-kmiem għal sena oħra mimlija ħidma. Nawgura wkoll lil dawk minnkom li għandkom xi kwistjonijiet pendenti sabiex issolvuwhom. Jalla l-ispirtu tal-Milied ma jħallilkomx piż fuq qalbkom, għax kultant nieħdu ħafna affarijiet, u persuni f'ħajjitna *for granted.*

Għan-nom tal-Bord editorjali nixtieqilkom Milied hieni u Sena mill-aqwa!

Advert

# Messaġġ mill-Ministru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali Carmelo Abela lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija

Bi pjaċir nixtieq naqsam magħkom kelmtejn f'dan iż-żmien tant speċjali ta' festi. Hu fatt, li filwaqt li għal ħafna nies dan hu perjodu li fih jinġabru fi djarhom mal-għeżież tagħhom, għalikom dawn huma ġranet u ljieli ta' xogħol biex tinżamm il-bon ordni fil-pajjiż permezz ta' ħidma intensiva fit-toroq Maltin u Għawdxin.

Ta' dan biss ukoll jistħoqqilkom rispett u apprezzament. Fil-kapaċità tiegħi ta' Ministru u ta' ċittadin, nesprimi l-gratitudni tiegħi lejn l-impenn tagħkom biex tħarsu s-sigurtà tal-poplu tagħna. Nappellalkom biex tibqgħu tagħmlu dan b'lealtà u bi professjonalità.

Ħarsa lura lejn din is-sena turina ċar li l-isfidi li kellu u għad għandu quddiemu l-Korp tal-Pulizija m'humiex faċli u jeħtieġu kuraġġ, ambizzjoni u reżiljenza. Waqt il-laqgħat tiegħi magħkom kemm fid-distretti u l-iskwadri, rajt entużjażmu li mlieni bil-kuraġġ. Konvint li flimkien nistgħu nieħdu lill-Korp fl-era moderna li jixraqlu u li joffri servizz ta' kwalità aktar għolja liċ-ċittadini. Korp li jgawdi livell ta' fiduċja akar b'saħħitha mill-istess ċittadini li hu jservi. Dan jintlaħaq biss jekk naħdmu flimkien u b'direzzjoni waħda.

Hu dan il-kuraġġ, li llum, f'dan il-messaġġ nixtieq ngħaddi lilkom. Il-mumenti ta' diffikultà u qtigħ il-qalb hemm se jibqgħu. Iżda nixtieqkom, proprju f'dawn il-mumenti, tiftakru li m'intomx waħedkom. Il-valuri li nħaddnu huma essenzjali wkoll f'dawn il-mumenti. Ħidmietkom trid tkun bħala tim wieħed.

Nixtieqkom isserrħu raskom li aħna se nibqgħu kommessi li fis-sena li ġejja nkomplu nsaħħu l-kundizzjonijiet tal-impjieg tagħkom. Dan għax nemmnu fil-ħiliet li għandkom x'toffru intom il-membri tal-Pulizija, kemm fis-servizz tagħkom lejn is-soċjetà, kif ukoll fil-ġlieda kontra l-kriminalità. Impenjati wkoll biex l-investiment fikom jibqa' prijorità. Fil-fatt, fl-aħħar sena bdejna nagħtukom drittijiet ġodda li ħaqqkom u li kontu ilkom imċaħħda minnhom għal snin twal.

Is-sostenn tiegħi bħala Ministru, se jibqa' jkun iffukat biex il-Korp ikompli jkun modernizzat. Fis-sena li ġejja mistenni jsir investiment fil-qasam ta' tagħmir ġdid. Fost l-apparat in ġenerali, se nkunu qed naraw ukoll il-wasla ta' apparat ġdid għas-sessjoni tas-*cyber crime* u l-akkreditazzjoni tal-Laboratorju Forensiku. Barra minn hekk, l-investiment fir-riżors uman żgur mhux se jonqos. It-taħriġ, kemm Malta kif ukoll barra, għandu jkun element importanti ħafna.

Mat-tokki tas-sena l-ġdida t-taxxa fuq l-*extra duty* se tkun qed tonqos bil-kbir. Se nkunu qed nagħmlu wkoll evalwazzjoni aktar fid-dettall tal-possibbiltà tad-dħul ta' polza ta' assigurazzjoni għall-membri ta' korpi dixxiplinati. Dan, flimkien ma' reklutaġġ biex ikompli jissaħħaħ



il-Korp.
Determinati li l-proċess twil ta' konsultazzjoni li sar magħkom fl-aħħar xhur, iwassal għal riformi ferm meħtieġa biex il-Korp isir aktar effiċjenti u effettiv.

Fl-isfond ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet, nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi nħeġġiġkom tibqgħu dejjem viċin is-soċjetà li intom isservu. Biex il-ħidma tal-pulizija tkun ta' suċċess, għandha l-bżonn il-kollaborazzjoni tas-soċjetà, u biex is-soċjeta' tħossha protetta, teħtieġ il-preżenza mill-qrib tal-pulizija.

F'ismi u f'isem il-familja tiegħi nawguralkom l-isbaħ xewqat għall-Milied u s-Sena l-Ġdida mimlijin hena u risq. Fl-isfond tad-doveri li tridu twettqu, li jirrikjedu tul ta' xiftijiet, qatt tinsew l-imħabba ta' qrabatkom li b'ħerqa jkunu qegħdin jistennew ir-ritorn tagħkom mill-ġurnata tax-xogħol, biex jgħaddu magħkom mumenti ta' għożża.

Inselli għalik,

Ministru tal-Intern
u s-Sigurta' Nazzjonali

advert

# Messaġġ mill-Kummissarju tal-Pulizija Michael Cassar lill-Membri tal-Korp tal-Pulizija

Reġa' wasal Milied ieħor. Verament ngħid qisu lbieraħ iż-żmien kif għadda jiġri. Għal bosta, wieħed minnhom jien, dan iż-żmien huwa l-isbaħ żmien tas-sena. Huwa żmien fejn joħroġ ħafna s-sabiħ, il-pożittiv u l-għaqda fost kulħadd. Huwa żmien tal-familja u mal-familja.

Għalina l-membri kollha tal-Korp forsi ma huwiex daqstant mal-familja għaliex ix-xogħol ta' bosta minna jkun li jara li ħaddieħor igawdi dawn il-ġranet fis-serenita' u l-paċi. Ovjament, sabiex iseħħ dan, iridu jkunu nvoluti b'mod dirett diversi membri tal-Korp li b'dedikazzjoni u sagrifiċċju jkunu xogħol meta ħaddieħor qed igawdi. Dan huwa wkoll li jagħmilna differenti minn ħaddiema oħrajn.

Min-naħa tiegħi, minn qalbi u b'sinċerita' kbira nawgura lil kull membru tal-Korp tal-Pulizija u l-familji tagħhom il-Milied u s-sena t-tajba mimlija saħħa u kuntentizza.

**Messaġġ tal-Kummissarju f'għeluq l-ewwel Sena mill-ħatra tiegħu**

Bħal dan iż-żmien sena kont għaddejtilkom l-ewwel messaġġ tiegħi. Kont għadni niġi maħtur fil-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija. Kont semmejt fejn konna u fejn irrid inwassal lill-Korp. Semmejt il-viżjoni tiegħi, ta' x'ridt li l-Korp jagħti lill-pubbliku u l-pubbliku x'kien qed jistenna mill-Korp.

Semmejt li ridt nerġa' ngħolli l-isem tal-Korp tal-Pulizija 'l fuq, avolja l-isem u r-reputazzjoni tal-Korp kienu f'livelli baxxi ħafna. Semmejt id-dixxiplina u r-rispett lejn il-ġerarkija u r-responsabbilita' li kull membru tal-Korp kellu jerfa' fir-ranki varji li jeżistu.

Semmejt l-importanza li kellu jingħata lil kull rapport li jagħmel il-pubbliku u li l-pubbliku kellu jkun infurmat sa fejn kien possibbli bir-riżultanzi tar-rapport tiegħu. Semmejt illi kull rank kellu l-importanza tiegħu, iżda l-iżgħar rank fil-Korp għandu jkun l-ambaxxatur tal-Korp għaliex huma l-*frontliners* li jirċievu l-ewwel rapport mingħand il-pubbliku jew li jkunu l-ewwel fuq ix-xena ta' inċident jew tar-reat.

Dak li semmejt sena ilu ma għedtux biex inkun għedtu iżda għaliex ħassejt li dawn kienu punti importanti li kellhom jiġu ndirizzati sabiex l-isem tal-Korp jerġa' jibda tiela 'l fuq. Hawn nibda nanalizza x'għamilna, fejn wasalna u x'għad jonqos li nagħmlu.

Ninsab konvint li l-isem tal-Korp irnexxilna nerġgħu nibdew intelluh 'il fuq kif ukoll il-fiduċja tal-pubbliku fil-Korp żdiedet. Għadna lura, iżda żgur li mxejna ħafna. Għaliex ma mxejniex aktar jista' jkun atribbwit għal diversi raġunijiet,

Madanakollu, fejn jidħlu r-responsabbiltajiet tagħna wkoll hemm uħud minna stess illi ma humiex jiġbdu l-istess ħabel ta' dawk il-membri li jridu u li qed jaghmlu xogħlom sewwa. Dawn il-ftit qed jirriflettu ħazin fuq il-Korp kollu. Hawn jien nista' ngħid b'ċarezza kbira illi kont iebes u sejjer inkun aktar iebes ma' min irid jagħmel ħsara lill-Korp jew jonqos minn dmirijietu lejn il-Korp jew lejn il-pubbliku. Aħna qegħdin hemm biex nosserwaw il-liġi u mhux biex niksruha.

Ngħid ukoll li s-sena d-dieħla sejjer inkompli ninvesti aktar fir-riżorsi umani kif ukoll fit-taħriġ kemm dak tradizzjonali konness max-xogħol



polizjesk ta' kuljum, kif ukoll taħrig ieħor li jista' jidher li jkun ġdid fejn tidħol speċjalizzazzjoni għall-membri kollha tal-Korp irrelevanti minn fejn ikunu stazzjonati. Dan, sakemm dan ma jinterrompix ir-rutina tax-xogħol ta' kuljum.

B'ton pożittiv u borgolju ngħid li kienet sena iebsa u impenjattiva ħafna, tant li matul din is-sena kellna referendum u elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, il-Valletta Summit u c-CHOGM u li fihom ħrigna bl-unuri kemm fis-servizz u kemm fl-impenn tagħna.

Ngħid ukoll li nirċievi diversi ittri ta' ringrazzjament mingħand il-pubbliku fuq diversi membri tal-Korp li jkunu għenuh, kemm waqt il-ħin tax-xogħol tagħhom, kif ukoll meta kienu fil-ħin liberu tagħhom. Lil dawn il-membri ngħidilhom grazzi u komplu sejrin kif intom. Mhux f'okkażjoni waħda nkellem personalment u nirringrazzja lill-membri tal-Korp li jkunu għamlu dan jew li jġibu riżultati tajbin minħabba l-insistenza u l-perseveranza tagħhom sabiex iġibu r-riżultati.
Nikkonkludi l-messaġġ tiegħi billi nassigura, kif dejjem għamilt, is-sapport tiegħi lil kull membru tal-Korp.

ADVERT

advert

# Dan l-aħħar...

minn WPC 25 Charlene Cilia - CMRU

Numru ta' uffiċjali tal-Pulizija attendew kors fuq il-vjolenza domestika. L-iskop ta' dan il-kors kien li jsaħħaħ il-ħiliet tal-membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta, kemm dawk li jieħdu r-rapporti fid-distretti, kif ukoll dawk fl-iskwadri speċjalizzati; bħall-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji, li ta' kuljum jaffaċċjaw vittmi kif ukoll aggressuri ta' vjolenza domestika. Dan it-taħriġ professjonali li sar fl-Akkademja tal-Pulizija, ikkonsista f'ħames sessjonijiet ta' sagħtejn il-waħda. It-taħriġ sar minn grupp professjonali li jaħdmu



f'diversi oqsma differenti tal-psikoloġija u li volontarjament aċċettaw li jipprovdu dan it-taħriġ. Dawn il-professjonisti jaħdmu fl-Isptar Monte Carmeli u għaldaqstant għandhom esperjenza vasta fis-suġġett.

Grazzi għal dan il-kors, grupp ta' Pulizija minn rankijiet differenti, magħżula kemm mill-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji, kif ukoll minn distretti differenti saħħew l-għarfien tagħhom fuq kif għandhom jitrattaw każi ta' vjolenza domestika mill-aspett psikoloġiku, kemm min-naħa ta' investigazzjoni tal-Pulizija, iżda iżjed importanti sabiex jitħarsu l-bżonnijiet kemm tal-vittma kif ukoll tal-aggressur. Dawk li attendew, speċjalment il-Pulizija tad-distretti, li normalment ikunu huma li jieħdu l-ewwel rapporti, kienu infurmati dwar l-għajnuna li jipprovdu aġenziji Non-Governattivi (NGOs) f'dawn il-każi. B'dan il-mod ikun jista' jingħata l-aqwa servizz possibbli lill-persuni kollha involuti.

Nhar id-29 ta' Settembru 2015, ingħaqdu magħna numru sabiħ ta' kuntistabblijiet wara li attendew kors ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija. Mistiedna għal din l-okkażjoni kien hemm l-Onorevoli Ministru Carmelo Abela, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Michael Cassar kif ukoll uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp. Mistiedna wkoll kien hemm familjari tal-Pulizija li dakinhar ħadu l-ġurament.

L-Onorevoli Abela wkoll ħejja diskors għal din l-okkażjoni, fejn spjega li x-xogħol tal-Pulizija mhux xogħol bħal oħrajn. Ix-xogħol tal-Pulizija



għandu jitqies bħala karriera jew aħjar vokazzjoni, li se tlaqqagħhom ma' qagħdiet u fatti differenti fejn iridu jieħdu deċiżjoni u probabbilment se jiġu ġġudikati anki negattivament u nġustament.

Spjegalhom l-importanza li jżommu dejjem mal-ġurament li ħadu, u għamilha ċara li l-konsegwenzi se jkunu iebsa għal dawk li jippruvaw jagħmlu ħsara lill-Korp tal-Pulizija. Qalilhom sabiex jilbsu l-uniformi bi kburija u jiftakru f'din il-ġurnata u f'dan il-mument fi żminijiet diffiċli li se jiltaqgħu magħhom. Il-Ministru rringrazzja lill-*instructors* tal-Akkademja tal-Pulizija, kif ukoll indirizza lill-familjari tar-rekluti fejn qalilhom sabiex ikunu kburin u jibqgħu jagħtu l-appoġġ tagħhom lil dawn il-membri ġodda, kemm fit-tajjeb, kif ukoll fil-ħażin.

Fid-diskors tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija stqarr li l-ġurnata tal-*Pass Out Parade* hija waħda speċjali għar-rekluti, għall-familjari tagħhom kif ukoll għall-Korp tal-Pulizija. Is-Sur Casssar stqarr li r-rank ta' kuntistabbli nirreferu għalih bħala l-ambaxxatur tal-Korp. Huma jkunu l-ewwel li jiffaċċjaw il-każ, tkun xi tkun il-gravità. Saħaq fuq l-importanza tad-dixxiplina u r-rispett lejn kull rank, kif ukoll l-importanza li nagħtu servizz aħjar liċ-ċittadin, irrelevanti xi tkun in-nazzjonalità tal-persuna. Il-Kummissarju rringrazzja lill-familjari tar-rekluti għas-sagrifiċju tagħhom, fejn żied jgħid li meta hu stess kien ħa l-ġurament, il-familja kollha tiegħu kienet daħlet fil-Korp u dan għax il-ħajja ta' Pulizija mhix waħda faċli u l-Pulizija jkollu bżonn l-appoġġ, speċjalment mill-familja. Il-Kummissarju għalaq id-diskors tiegħu fejn fakkar lill-Pulizija ġodda li huma se jkunu l-protetturi taċ-ċittadin u fakkarhom li din il-ġurnata hi waħda li m'huma se jinsew qatt.

Wara li ngħataw il-ġurament, tħabbar li PPC 1510 Neil Saliba kien dak ir-rekluta li matul il-kors kollu ddistingwa ruħu u ġie ppremjat bħala l-*best recruit*. Segwew ukoll tliet rekluti oħra li fl-eżamijiet ġew fuq quddiem. PWPC 364 Pauline Bonello fl-ewwel post, segwita minn PWPC 12 Shanice Schembri u PPC 1510 Neil Saliba.

Nawguraw lill-Pulizija kollha, suċċess fil-karriera tagħhom.



Ix-xahar ta' Ottubru huwa sinonimu mal-*Malta Military Tattoo.* Dawk il-persuni li huma dilettanti tal-baned żgur li ma jitilfuhiex.



Bħal kull sena, il-Banda tal-Korp tal-Pulizija pparteċipat flimkien mal-*Precision Drill Team* u diversi baned oħra internazzjonali.

Nhar it-12 ta' Ottubru, uffiċjal mill-*Abu Dhabi Police* żaru l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u ingħataw merħba mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Michael Cassar. Spikkaw ħafna l-uniformijiet partikulari u differenti li mdorrijin naraw.

Waqt iż-żjara spjegaw kemm kienet pjaċevoli li jdoqqu f'avveniment fejn kien hemm preżenti ukoll il-Banda tal-Korp tal-Puliizija ta' Malta. Huma



saħqu li għalkemm nitkellmu żewġ lingwi differenti ningħaqdu flimkien permezz tal-lingwa tal-mużika.

Is-Surmast tal-Banda tal-Korp tagħna, stqarr li kien ta' pjaċir għalih kif ukoll għall-bandisti li kellhom l-opportunità sabiex idoqqu flimkien. Ix-xewqa hi li xi darba jżuru Abu Dhabi sabiex jdoqqu flimkien f'pajjiżhom.

Waqt iż-żjara kien hemm skambju ta' *souvenirs*. Kien f'dan il-mument li s-Sur Cassar saħaq li japprezza u jieħu gost meta l-Pulizija Maltija tintegra ma' Pulizija minn korpi barranin.



Fit-13 ta' Ottubru, iż-żewġ baned daqqew flimkien tul Triq ir-Repubblika fil-Belt Valletta. Attività li ġiet apprezzata min-nies li dakinhar kienu qegħdin il-Belt.

Nhar il-15 ta' Ottubru 2015, ġewwa l-*Officers Mess,* 11-il Spettur ġew appuntati għar-rank ta' Supretendent. Preżenti għaċ-ċerimonja attenda l-Ministru responsabbli għall-Korp tal-Pulizija l-Onor. Carmelo Abela.

Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Michael Cassar, f'diskors tal-okkażjoni ddeskriva din il-ġurnata bħala



waħda speċjali kemm għall-uffiċjali stess kif ukoll għall-Korp tal-Pulizija. Filwaqt li awgura lis-Supretendenti għal dan il-progress fil-karriera tagħhom. Il-Kummissarju fisser ir-responsabbiltà li kienet se tiġi fdata lilhom u spjega kif għalkemm dan ir-rank kien magħruf bħala wieħed superviżorju, kien hemm bżonn ta' bidla fil-mentalità. Hu għalhekk appella lill-uffiċjali biex jinvolvu ruħhom aktar fl-operat tas-sezzjonijiet tagħhom. Il-Kummissarju tal-Pulizija għalaq id-diskors tiegħu billi fakkar li hu kien dejjem lest jgħinhom u jikkoopera magħhom.

Il-Ministru, f'kelmtejn tal-okkażjoni tenna li l-Gvern hu kontinwament impenjat biex dak li naħdmu għalih aħna, jingħata l-mertu li jixraqlu.

Nifirħu lis-Supretendenti ġodda kollha u nawgurawlhom kull suċċess matul il-karriera tagħhom.

Fil-15 ta' Ottubru assistejna għal ċerimonja oħra. Fis-Sala Vilhena erbgħin membru tal-korp ġew onorati b'medalji u *clasps* għal servizz twil u effiċjenti li taw. Magħhom, għat-tieni darba, disa' eks membri ingħataw l-istess unuri, fosthom l-*Ispeaker* tal-Kamra tad-Deputati, l-Onorevoli Dr Anglu Farrugia LLD., li kien spiċċa mill-Korp fi grad ta' Supretendent.

F'diskors tal-okkażjoni li għamlu kemm il-Ministru l-Onorevoli Carmelo Abela, kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Michael Cassar, ferħu lil kull membru li dakinhar irċevew dan ir-rikonoxximent. Il-Ministru semma li l-ħidma se tibqa' waħda kontinwa biex il-Korp tal-Pulizija jkompli jiġi mmodernizzat. Tkellem kif fis-sena li ġejja, mistenni jkompli l-investiment b'mod partikulari fil-qasam ta' apparat teknoloġiku. Fis-sena li ġejja wkoll, il-Korp se jkompli jara tkabbir fir-riżorsi umani u dan għax il-preżenza tal-Pulizija fis-soċjetà hi u se tibqa' prijorità.

ADVERT

ADVERT

Il-Kummissarju tal-Pulizija min-naħa tiegħu spjega kif din il-ġurnata tigglorifika servizz twil u effiċjenti. Fisser kif medalja trid taħdem għaliha u tgħaddi minn ħafna tbatija, u huwa proprju għalhekk li għandha tintlibes b'unur. Il-Kummissarju temm id-diskors tiegħu billi awguralhom u irringrazzjahom tas-servizz li taw lill-Korp tal-Pulizija u lill-pajjiż.



L-għoti ta' dawn il-medalji jmur lura sewwa fi żmien li l-Korp tal-Pulizija kellu bħala Kummissarju lill-Kurunell Henry William Bamford. Hu kien wera x-xewqa li jibda jippremja lil dawk il-membri b'servizz twil u kondotta tajba. Għalhekk kien talab l-awtorizzazzjoni tal-Gvernatur sabiex jintroduċi l-*long service and good conduct medal*. Fil-fatt, ftit wara, permezz ta' avviż numru 284, fil-Gazzetta tal-Gvern tal-1 ta' Novembru tal-1921, il-Kummissarju tal-Pulizija kien intalab jirrakkomanda lill-Gvernatur, min minn fost il-membri tal-Korp kellu jingħata dan il-premju ta' unur.



Fost regoli oħra f'dan l-avviż, kien intalab ukoll li ma' kull rakkomandazzjoni għandha tintbagħat id-*default sheet* u l-kondotta ta' kull membru rakkomandat. Wara li kien sar dan l-eżerċizzju, il-Ministru tal-Ġustizzja, ta dak iż-żmien Alfredo Caruana Gatto ippubblika avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, datata 17 ta' Marzu tal-1922, fejn kien jgħid, li l-Eċċellenza tiegħu l-Gvernatur għoġbu japprova l-għoti ta' dawn l-unuri lil dawn il-membri fl-avviż imsemmija. Fil-fatt, nhar id-29 ta' Marzu, ftit tal-ġranet wara, saret iċ-ċerimonja mistennija, biex b'hekk ingħataw il-medalji lill-ewwel 50 membru tal-Korp. F'din iċ-ċerimonja, il-medalji kienu ppreżentati lilhom mill-Gvernatur innifsu, Lord Herbert Plumer, fil-pjazza tal-Palazz, il-Belt Valletta. Dawn il-medalji kienu baqgħu jingħataw minn żmien għal ieħor sa tmiem l-era Ingliża f'Malta. Iżda kienu reġgħu ġew introdotti lill-membri tal-Korp, proprju 25 sena ilu, permezz tal-Att XIV (14) tal-1990.

Matul din is-sena saru diversi '*talks*' f'Ċentri tal-Jum għall-anzjani. Għall-aħħar laqgħa li kienet nhar id-19 ta' Ottubru fiċ-Ċentru taż-Żejtun kien hemm preżenti l-Ministru tal-Intern u s-Sigurta Nazzjonali, il-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u Anzjanità Attiva, Dr Justyne Caruana.

F'diskors li għamlu, kollha faħħru din l-inizjattiva b'mod partikulari lill-Ispettur Fabian Fleri, li ta tagħrif siewi b'mod li l-anzjani tagħna setgħu jifhmu sew x'miżuri għandhom jieħdu sabiex ma jiġux misruqa u aktar importanti ma jweġġgħux. Kif qal il-Kummissarju tal-Pulizija stess, l-anzjani tagħna għandhom dritt jgħixu komdi u fil-paċi, speċjalment wara li ħadmu u batew ħajjithom kollha. Il-Kummissarju qalilhom ukoll li hu qabel mill-ewwel ma' din l-inizjattiva, għax minn dawn l-attivitajiet dejjem ħareġ il-ġid u ma setax ma jiftakarx f'meta fiż-żmien kien jagħmel dawn it-taħditiet hu stess.

Min-naħa tiegħu, il-Ministru rringrazzja lill-Pulizija kollha tax-xogħol li qegħdin jagħmlu biex il-pajjiż ikun aktar sigur, speċjalment meta tara li ħafna mir-



rapporti ta' attakki fuq persuni, iseħħu fuq l-anzjani. Hu ħeġġeġ lill-anzjani preżenti sabiex jimxu fuq dak li jiggwidawhom il-Pulizija, biex b'hekk jevitaw inċidenti li jafu jġibu magħhom konsegwenzi serji.

Il-Ħadd l-1 ta' Novembru 2015, fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata, li jinsab f'Raħal Ġdid, ġiet ċelebrata quddiesa akkumpanjata minn tqegħid ta' fjuri fuq il-qabar tal-Pulizija. F'din il-funzjoni, immexxija mill-Kappillan tal-Pulizija Fr. Raymond Bonnici OFM ġew imfakkra l-kollegi tagħna li m'għadhomx magħna. Preżenti kien hemm il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Michael Cassar, is-Sur Anthony Vella Gregory – *Chief of Staff* fil-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, kif ukoll diversi uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.



Fiċ-ċerimonja, li kienet akkumpanjata wkoll mill-Gwardja tal-Unur, tqiegħdu kuruni tal-fjuri mill-Kummissarju tal-Pulizija, mill-Ministeru tal-Intern u s-Sigurtà Nazzjonali, kif ukoll minn rappreżentanti taż-żewġ *unions* tal-Pulizija fost oħrajn.

Nhar il-Ħadd 8 ta' Novembru, il-Gwardja tal-Unur tal-Pulizija ħadet sehem f'attività li tfakkar lis-suldati u nies fis-servizz li tilfu ħajjithom fil-gwerer, magħrufa bħala Jum it-Tifkira jew *Poppy Day.*

L-Assistent Kummissarju Neville Aquilina, f'isem il-Kummissarju tal-Pulizija qiegħed kuruna tal-fjuri fuq il-monument tal-Gwerra li jinsab fil-Floriana. Għal din l-okkażjoni attendew ukoll persuni u uffiċjali għolja tal-pajjiż fejn sellmu lil ħutna li taw ħajjithom għal għan daqshekk nobbli.

Fil-15 ta' Novembru 2015, ġewwa l-Kappella taċ-Ċimiterju Santa Marija li jinsab fil-limiti tax-Xewkija, Għawdex ġew imfakra kollegi tagħna Pulizija li mietu matul is-snin u jinsabu midfunin fil-gżira ta'



Għawdex. Wara quddiesa li ġiet ċelebrata fil-kappella tal-istess ċimiterju, tqegħdu kuruni tal-fjuri fuq il-qabar tal-Pulizija. Preżenti għal din iċ-ċerimonja kien hemm uffiċjali għolja stazzjonati ġewwa d-Distrett ta' Għawdex fost diversi membri tal-Korp tal-Pulizija.

magazine.police@gov.mt

Advert

# Mill-privat, lill-Korp u għall-Komunita'

mis-Surġent 41 Matthew Attard - Sezzjoni tal-Klieb

Is-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija laqgħat fi ħdanha b'entużjażmu erba' klieb ġodda b'għajnuna finanzjarja ta' apprezzament mill-privat. Dawn l-aħħar snin, aktar persuni mis-settur privat qed jersqu lejn il-Korp tal-Pulizija b'apprezzamenti, b'donazzjonijiet diretti lejn it-tisħiħ tal-ħidma tal-Korp. Din l-għajnuna kienet fil-ħin opportun li l-Korp tal-Pulizija kien qed jippjana biex din is-Sezzjoni tkompli tikber. L-ispejjeż kollha ta' dan l-investiment ta' xiri u trasport ta' dawn il-klieb ġew kollha pprovduti mill-HSBC u mill-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

Din kienet l-ewwel esperjenza fejn beda l-proċess ta' xiri tal-klieb kollu mis-Sezzjoni stess. Il-kollega tiegħi PS 1182 Christopher Formosa u jien bdejna l-proċess tal-għażla tal-*breeder* u r-rekwiżiti mitluba għal dawn il-klieb. Kienet responsabbiltà kbira fejn morna fir-Repubblika Ċeka biex għażilna dawn il-klieb.

L-għażla kienet tinvolvi numru ta' testijiet u evalwazzjonijiet varji biex joħorġu l-vera kwalitajiet bżonnjużi għall-qadi tax-xogħol tal-Pulizija. Wara din l-għażla mir-Repubblika Ċeka, kien imiss li jitkompla t-taħriġ f'Malta.

Wara li l-klieb ġew assenjati lill-*handlers* li kienu mimlijin b'entużjażmu kbir biex jibdew jaħdmu b'dawn il-klieb, beda taħriġ intensiv biex tintlaħaq l-milja fil-kapaċitajiet kollha tagħhom. Wara dan it-taħriġ li kien jinvolvi li tibda minn dak li hu tassew bażiku sa dak aktar avanzat, bħax-xogħol ta' protezzjoni u tfittxijiet għar-riħa umana.

Dan il-proċess beda fl-1 ta' Mejju 2015, fejn beda x-xogħol fuq *team building* bejn il-klieb Miko, Marius, Renvej u Cheque mas-sidien il-ġodda tagħhom.




Tajjeb wieħed iżomm f'moħħu li għall-kelb innifsu tkun bidla kbira, fejn biddel l-ambjent, in-nies, il-lingwa u l-aktar diffiċli li jadatta għall-klima sħuna ta' Malta.

Fi ftit ġimgħat dawn l-isfidi kollha jibdew jiġu solvuti, u l-klieb jibdew jidħlu iktar fix-xogħol proprju polizjesk. Dawn il-klieb ingħataw xogħol għall-użu ġenerali, u diġà bdew iwettqu xogħol ta' protezzjoni. Fl-aħħar parti tat-taħriġ ser jibdew iwettqu tfittxijiet fir-riħa umana. Ma jonqosx ukoll it-taħriġ fl-aġilità u l-ubbidjenza.



Fl-1 ta Settembru 2015, saret uffiċjalment l-inawgurazzjoni ta' dan l-ingaġġ ta' klieb fil-Kwartieri tas-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija fil-Mosta. L-Onorevoli Ministru Carmelo Abela, il-Kummissarju tal-Pulizija, Michael Cassar, flimkien ma' uffiċjali oħra tal-Korp u rappreżentanti tal-HSBC u MIA saħqu fuq l-importanza tax-xogħol tal-klieb tal-Pulizija li se jkunu qed iwettqu xogħol importanti wkoll fl-avvenimenti kbar li ġejjin.

Messaġġ ieħor li ngħata lill-*media* li kienet preżenti, hi kif il-privat jista' jagħti xi ħaġa lura lis-soċjetà inġenerali u lill-pajjiż billi offra din id-donazzjoni sabiħa lill-Korp tal-Pulizija biex jagħtiha lura f'servizz lill-komunità kollha. Dan il-ġest sabiħ kemm mill-HSBC u kemm mill-MIA mhux biss beda u tkompla iżda se jħalli l-frott tiegħu f'aktar għajnuna fis-snin li ġejjin.

Is-Sezzjoni tal-klieb tirringrazzja lill-HSBC u MIA tal-fiduċja u l-apprezzament li dejjem urew u li għad iridu juru fix-xogħol denju u importanti. Ringrazzjament imur ukoll lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-uffiċjali tal-Korp inkarigati mis-sezzjoni tagħna, talli aċċettaw



din id-donazzjoni b'impenn. Din id-donazzjoni tal-klieb diġà qiegħda u ser tkompli tissarraf lura f'servizz professjonali lejn is-saħħa u sigurtà tal-poplu kollu.

matthew.a.attard@gov.mt

Advert

ADVERT

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Comments : nixtieq nuri l-apprezzament tieghi f'isem il PBS lejn il Pulizija ghas servizz li tat nhar il Gimgha 18 ta Settembru fejn il PBS ghamel il Launching tal programmi tieghu fuq quddiem tal binja fi triq San Luqa il Creativity Hub. Bla dubju l-ikbar grazzi tmur lejn Sur Mj Cassar li minkejja il hafna xoghol li ghanda offriet is-servizz tal pulizija PC986 li kien proffessjonali hafna fix-xoghol tieghu,grazzi

Rita Cortis Coleiro — The Malta Police Force

Apologija u Ringrazzjament --- Lil WPC 286 Mill- Ghassa Tal- Pulizija Ta' Bugibba Ghax Ma stajtx niftakar in- Numru Taghha w Ma' Xtaqtx Insemmi Isimha. W Tal- Pacenzja infinita Taghha anke jekk cempiltilha matul il-jiem Rigward il Hit and Run ta Hdejn Ir-Roundabout Ta 4 Mwiezeb... Grazzi Hafna Hafna.. You and PC 1157 are the Best !

You're close in thought today and every day...

To all of you at Swieqi and St. Julians police station for all your help when my mum had locked me out and I had no where to stay, remember me?

Well she let me in in the morning and I am back staying at home.

...and sincerely thanked for your thoughtfulness.

Thank You

Dear Sir,

On behalf of the National Blood Transfusion Services I would like to congratulate and thank you and all The Malta Police Force for the successful blood donation sessions.

On Friday 25th September 33 donations were collected from the Police Recruits at Ta' Kandja Police Accademy.

Last Monday 28th September at the Police Head Quarters at Floriana to commemorate St Micheal's Day another 20 donations were collected.

Whilst looking forward for another fruitful blood donation session in the near future.

Thanks again.

Regards.

Caroline.

Caroline Farrugia
Senior Staff Nurse
Mobile Blood Donation Unit Co-Ordinator
National Blood Transfusion Services

**United States Embassy**
Valletta, Malta
**Regional Security Office**
*Joseph Fsadni, Special Investigator*

July 13, 2015

Mr. Michael Cassar
Commissioner of Police,
Police Headquarters,
Floriana

Dear Commissioner Cassar,

This morning, one of our Local Guards noticed an individual of African origin taking photos of the Embassy main entrance gate and other entries to the Embassy, including the Consular Section. The guard informed the District Police and RIU officer on duty who intervened immediately. They caught up with him and called Mobile Unit for assistance, due to the fact that the individual had no document on him (ID or Passport). RIU Mobile Unit escorted him to Rabat Police station to be interviewed by Inspector Edel-Maria Camilleri who referred the individual to Inspector Mario Haber at Immigration Section.

The police officers involved were;

PS 601 Justin Saliba
PC 1514 Daniel Debattista
PC 429 Kenneth Zammit
PC 233 Adrian Chetcuti
Inspector Edel-Maria Camilleri
Inspector Mario Haber
Inspector George Cremona

I have known these officers for some years and have always found them to be smart, meticulous disciplined and very professional police officers.

Please pass on our appreciation and thanks to these officers and also to the RIU Mobile Unit and Hamrun Police District for their immediate response and a job well done. The Regional Security Office appreciates your continuous assistance, support and cooperation.

Sincerely,

Joseph Fsadni
Special Investigator

Mr Michael Cassar
Commissioner of Police
Police Headquarters
Floriana

Dear Sir,

**Joint Return Operation (JRO) to Nigeria – March 11, 2015**

Please allow me to commend the members of your team who accompanied the two returnees on the journey from Malta to Lagos on the JRO of March 11, 2015, for the exemplary manner they treated the two persons.

As the monitor of that operation, I could not but help notice the humane and dignified way the returnees were treated by the team, which was made up of:

SM 1177 Charles Bonello
Sgt 165 Jason Gilson
PC 306 Trevor Grech
PC244 Steve Farrugia
WPC 147 Bridget Cutajar
WPC 112 Debbie Bunce

As of the pre-departure briefing by Sgt Gilson on March 04, to the Board of Visitors for Detained Persons, till the very end of the operation, I have the pleasure to inform you that I received the fullest cooperation which indeed made life easier, this being my very first experience as a monitor for Frontex.

During the long wait at Madrid Airport, your team showed concern in that the returnees did not have any food and water and asked, and were granted permission and accompanied by the Spanish authorities to go and buy snacks for all.

Once again, Sir, I would like to say what a pleasure it was for me to work with such a professional team – undoubtedly a credit to the Malta Police Force.

With best regards,

Susan Sacco

cc. AC Laurence Cutajar
Supt N Xuereb
Mr John Testa

ADVERT

# Ngħallmu u nitgħallmu mal-anzjani

mill-Ispettur Fabian Fleri - DIK

F'Lulju ta' din is-sena, il-Korp tal-Pulizija rċieva talba mit-Taqsima tal-Anzjanità Attiva fil-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali biex isiru taħditiet fiċ-Ċentri ta' matul il-Jum fuq prevenzjoni ta' reati. Din it-talba mill-ewwel ġiet milqugħa mill-Kummissarju tal-Pulizija u ġie deċiż li jsiru dawn it-taħditiet fiċ-Ċentri ta' Malta kollha. Saru dawn it-taħditiet fi 23 ċentru fil-lokalitajiet ta' Birkirkara, in-Naxxar, Tas-Sliema, Ħal Safi, il-Gżira, il-Ħamrun, Ħal Kirkop, Ħad-Dingli, l-Imtarfa, iż-Żurrieq, l-Imsida, is-Siġġiewi, Bormla, Santa Venera, Ħal Luqa, Ħal Qormi, Birżebbuġa, il-Mellieħa, il-Mosta, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr u ż-Żejtun.

Ġie spjegat lilhom kif bl-aktar modi sempliċi setgħu jevitaw li jsiru vittmi ta' reati bħal *Snatch and Grabs* u serq minn djarhom. Spjegawlhom ukoll l-importanza tan-numru tal-emerġenza: 112; li m'għandhomx jimxu b'ċerta rutina, bħal meta jmorru l-quddies tal-istess ħin kuljum; li dejjem isakkru l-bieb tad-dar tagħhom u n-nuqqas ta' sigurtà meta jħallu l-bieb fuq l-antiporta jew bil-ħasira.

Dawn is-sessjonijiet daħlu f'ħafna aspetti ta' sigurtà mill-*credit cards*, residenzi, kontijiet tal-bank, prokuri, *mobile phones*, internet u bosta ħwejjeġ oħra.



Dawn it-taħditiet saru bejn ix-xhur ta' Lulju u Ottubru u fihom kien hemm ukoll preżenti rappreżentanti mill-Pulizija tad-distretti li ġabru ukoll xi lmenti li kellhom dawn l-anzjani.

Waqt dawn is-sessjonijiet ġie spjegat lill-anzjani dawk l-affarijiet li huma jagħmlu ta' kuljum u li kienu qegħdin jattiraw l-attenzjoni ta' persuni bi ħsieb ħażin lejhom u b'hekk kienu qed isiru vittmi ta' reati aktar faċilment.

Dawn is-sessjonijiet kienu interessanti ħafna għall-anzjani u dawn urew apprezzament qawwi għax-xogħol li l-Pulizija jagħmlu u qalulna kemm jieħdu pjaċir jiltaqgħu u jitkellmu magħna u b'hekk iħossuhom aktar protetti. Nemmen li għandna nuru l-ikbar rispett lejn l-anzjani u għandna nagħmlu minn kollox biex jħossuhom protetti u biex ngħinuhom, għax kieku ma kienx għalihom l-ebda wieħed u waħda minna ma qegħdin hawn illum.

fabian.fleri@gov.mt

# Mal-Passi tal-Korp

minn Charles B. Spiteri

## Siltiet minn intervisti mal-eks Surġent George Muscat minn Ħad-Dingli

Il-ġurnalist Charles B. Spiteri kien għamel dawn l-intervisti lil George Muscat fl-2001.

### Il-*beats* tal-pulizija

"Qabel ma daħlu l-karozzi, it-trasport kien bil-ferrovija bejn il-Belt u r-Rabat u l-Imtarfa; bit-tram lejn il-Belt u Ħaż-Żebbuġ. Fuq il-baħar, bil-laneċ jew bid-dgħajjes u f'xi rħula bir-roti.

Ftit qabel it-Tieni Gwerra Dinjija beda l-*Flying Patrol* bir-roti bejn raħal u ieħor u Tas-Sliema kienu ġabu żewġ roti u jien u PC Borg morna Birkirkara, iffirmajna u rġajna lura.

Ix-xogħol tal-ibliet kien ta' tmien sigħat u frank kull disat ijiem u tal-kampanja 12-il siegħa u frank kull sebat ijiem. Tal-ibliet kellhom ir-riserva kif għedtlek u tal-kampanja dejjem l-Għassa meta ma jkunux xogħol.

Il-Belt u Tas-Sliema kienu mqassmin f'*beats*. Tas-Sliema u l-Gżira, qabel infetħet l-Għassa quddiem il-pont ta' Lazzarett (il-Forti) kien hemm tmien *beats*, u billi l-Gżira kien għad m'hemmx elettriku, tmien *beats* bil-lejl. Il-pulizija kienu jistgħu jippatroljaw flimkien, għax kien hemm l-iżjed ħwienet tal-baħrin.

L-għases tal-kampanja fejn hemm Spettur, dejjem miftuħin, iżda fl-irħula żgħar, l-Għases kienu jkunu magħluqin bejn nofsinhar u l-4.00 p.m. u min ikun jeħtieġ l-għajnuna, iċempel jew iħabbat il-bieb u dak li jkun jistrieħ, iwieġbu.

Fil-bliet kien hemm il-*beats* u fil-kampanja, kultant, dak li jkun għassa jagħlaqha u jmur idur dawra marraħal.

### Il-prostituzzjoni u x-xogħol ta' *barmaids*

"Bejn l-1885 u l-1921 il-Kap tal-Armata tlewwem mal-Isqof għax ma riedx jagħti permess lin-nisa biex jaħdmu ta' prostituti.

Allura l-kwistjoni saret li jekk mara ddaħħal tliet irġiel differenti fid-dar, tkun tista' tiftaħ il-bieb għal kulħadd u tissuġġetta lilha nnifisha għal vista tattabib u tmur toqgħod f'ċerti toroq: il-Belt (Strada San Giuseppe), l-Imsida u l-Gżira. Iżda jekk meta mara ddaħħal tlett irġiel f'darha, din tkun tinsab b'kera, is-sid jirċievi *eviction order* biex ikeċċi lill-inkwilina 'l barra.

Xogħol il-prostituti kien ta' periklu, għax kienu jiltaqgħu ma' kull min ġie ġie; tant li kelli ħija Pulizija, li kien *No 1 Section* u meta jidħlu l-baħrin kien ikun għassa qribhom u qalli li ġieli jsejħulhom għall-ajjut.

Din tal-prostituti f'pajjiżna, bħala Kattoliċi, kienu jiktbu kontriha l-aqwa nies, bħas-Sur Fons Maria Galea, li kien ġab lis-Salesjani f'Malta u kien l-ekonomu tal-Isqof.

Il-prostituti kienu jservu ta' ħsara anki għall-familji Maltin, għax speċjalment l-Imsida u l-Gżira, l-irġiel kienu jmorru bil-karettuni biex jinqdew.

Darba kien hemm waħda l-Imsida, li lmentat mal-Kapural għax kien hemm pulizija li ma ħallihiex taqla' biċċa ħobż. Bil-pressjoni li kienet issir, il-Gvern Nazzjonalista ddeċieda li min min-nisa, iħalli minn prostituta għal sitt xhur u dik li tkun ma tkunx marida bil-mard venerju, tkun tista' ġġib permess biex taħdem ta' *barmaid* fil-ħwienet tax-xorb, fejn iridu jkomplu ma' kull kwalità ta' klijenti.

Dan serva biex il-prostituti spiċċaw mill-pubbliku u saru privati għax biċċa minn dawn il-*barmaids* kienu jieħdu minn dawn il-klijenti d-dar biex ikomplu magħhom mal-lejl jew aktar. Jekk ikunu nisa sbieħ kienu jitolbu Lm10 kull lejl."

ADVERT

ADVERT

# Lejn bidla fil-mentalità

minn PS 612 Theo Vella – Viċi President POU-GWU

## Dritt ġdid

Bħalma jaf kulħadd, fi Frar li għadda, permezz tal-Att IV tal-2015 għaddiet il-liġi li kull membru fil-Korpi Dixxiplinati jista' jidħol fi *trade union* tal-għażla tiegħu. Din kienet biss waħda mill-wegħdiet elettorali li din l-amministrazzjoni għamlet, u fl-opinjoni tiegħi, twettqet fi żmien raġjonevoli wkoll. Wieħed ma jistax ma jirrimarkax li dan hu pass storiku fi ħdan il-Korp tal-Pulizija u tal-anqas wara mitejn sena, illum nistgħu ngħidu li għandna dritt konformi ma' Pulizija oħra Ewropej.

## Mentalità ġdida

Filwaqt li dan il-pass hu wieħed pożittiv u għandna nħossuna kburin b'tali dritt, irridu naħdmu ħafna sabiex dan id-dritt isarraf f'riżultati konkreti. Ma jkunx biżżejjed li l-liġijiet ikunu miktuba fuq il-karta u meta nfittxu r-riżultati fil-prattika ma jkun inbidel xejn jew saħansitra ma nagħmlux użu minnhom. L-ewwel pass importanti għandu jiġi mill-ħaddiema nfushom u jissieħbu f'dik it-*trade union* li jemmnu fiha l-aktar. It-tieni u l-akbar pass għandu jiġi mill-amministrazzjoni tal-Korp, li tirrikonoxxi li issa hawn realtà ġdida u dik ir-realtà daħlet biex tibqa'. Mingħajr bidla fil-mentalità, dan id-dritt ma jista' qatt ikun suċċess u jista' jwassal għal tilwim industrijali fuq affarijiet li jkunu bażiċi. Fiduċjuż, li għalkemm jista' jieħu xi ftit taż-żmien, eventwalment kemm it-*trade unions* kif ukoll l-amministrazzjoni tal-Korp jadattaw għal din ir-realtà l-ġdida.

## Ħsibijiet differenti

Sa ftit żmien ilu kien hawn linji ta' ħsieb differenti dwar kif kellu jingħata dan id-dritt il-ġdid. Kellek min jemmen li kellu jingħata biss id-dritt ta' *in house union* u kellek dawk li jemmnu fi dritt ta' *union* tal-għażla tiegħek. Naturalment il-ħsieb tiegħi dejjem kien dak li kull membru tal-Korp għandu dritt jissieħeb fl-*union* tal-għażla tiegħu. Dan mhux biss biex ikollna l-istess drittijiet kif għandu kull ħaddiem ieħor f'pajjiżna, iżda għax nemmen li kwalunkwe kompetizzjoni twassal sabiex dak li jkun jaħdem aktar biex jattira aktar membri lejh. Il-monopolju dejjem kien dak li jżomm milli jsir progress jew biex inkun ftit aktar pożittiv, inaqqas ir-ritmu tal-progress. Dan japplika wkoll meta tiġi għall-għażla ta' servizzi u t-trejdunjoniżmu. Dan mhu xejn għajr servizz ieħor li l-iskop prinċipali tiegħu hu li jħares u jtejjeb il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema.

## Għaliex affiljati mal-GWU

Filwaqt li għal xi wħud hi xi ħaġa naturali li tkun affiljat ma' *trade union* stabbilita fil-pajjiż, hawn min jargumenta li tkun affiljat ma jagħmilx sens u bħala raġuni prinċipali jsemmu li biex tkun taf il-problemi trid tkun qed tmiss magħhom u mhux tkun 'il barra mill-postijiet tax-xogħol konċernati. Dan l-argument kien jagħmel sens kieku ma jkunx hemm kumitat li jkun parti minn dawk il-ħaddiema, iżda fil-każ tal-POU-GWU is-seba' membri tal-kumitat ċentrali huma lkoll membri tal-Korp u kollha jmissu u jiltaqgħu mal-membri tal-Korp kontinwament waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Il-GWU twaqqfet uffiċjalment fil-5 ta' Ottubru 1943. Hi l-akbar *trade union* fil-pajjiż u għandha affiljazzjonijiet hi stess f'fora internazzjonali u Ewropej bħalma huma l-ITUC (*International Trade Union Confederation*) u l-ETUC (*European Trade Union Confederation*).

## Xi jfisser li tkun indipendenti

Naħseb li lkoll naqblu li kull persuna jkollha opinjonijiet differenti fuq diversi suġġetti u din hi xi ħaġa naturali. Awtomatikament, malli bniedem ikun kompletament favur ħsieb u kompletament kontra ħsieb ieħor, ma jista' qatt jissejjaħ li hu persuna indipendenti. Iżda kull argument ikollu dejjem iż-żewġ naħat tal-munita u qatt ma jista' jkun li xi argument ikun 100% pożittiv jew negattiv. Malli ħsieb ta' persuna jibda jiġbed lejn naħa partikulari ma jfissirx li dan mhux bniedem indipendenti, iżda jkun ifisser biss li qed jifforma opinjoni b'mod ħieles ibbażata fuq il-linja tal-prinċipji jew il-valuri li jħaddan. Li ma tesprimix ruħek ma jagħmlekx bni-

edem indipendenti, iżda jagħmlek fqir mill-ideat. Fit-trejdunjoniżmu ma tista' qatt toqgħod lura milli tgħid l-opinjoni tiegħek fuq suġġett jew ieħor, iżda qabel tasal għall-opinjoni finali tiegħek, importanti li l-ewwel ikollok f'idejk l-informazzjoni kollha neċessarja.

## Kritika ġustifikata

Kienu bosta dawk li staqsew jew saħansitra kkritikaw il-fatt ta' kif ġie magħżul il-kumitat ċentrali tal-POU-GWU. Din hi mistoqsija ġusta u bla dubju ta' xejn jixraqilha tweġiba. Ta' min wieħed jgħid li kull għaqda jew organizzazzjoni jkollha l-bidu tagħha u qabel tiġi mwaqqfa dik l-għaqda / organizzazzjoni jkun hemm ħsieb minn xi persuna jew persuni dwar l-iskop ta' fejn trid tasal dik l-għaqda / organizzazzjoni. Dawk li jkunu ħarġu bl-idea jissejħu l-fundaturi u awtomatikament ikunu l-ewwel membri ta' din l-istruttura. Għaldaqstant dik hi l-unika raġuni għaliex ħadd ma jkun jista' jivvota għall-kumitat l-ewwel darba. Eżempju storiku ta' dan hu kif ġiet iffurmata l-GWU innifisha. Il-ħsieb kien tal-fundatur Reggie Miller, li kien jaħdem fiċ-ċivil bħala skrivan fid-*dockyard* u fl-1942 ħeġġeġ għaqda żgħira ta' nies sabiex tiġi mwaqqfa l-GWU. Malli twaqqfet uffiċjalment, l-*union* ħolqot il-kostituzzjoni tagħha (l-istatut) u minn hemm 'il quddiem bdew isiru l-elezzjonijiet hekk kif kienu jgħidu r-regolamenti. Minn *union* ta' ftit mijiet, illum il-ġurnata, il-GWU għandha aktar minn 47,000 membru.

## Affiljazzjoni Ewropea - *EuroCOP*

Il-ħsieb tal-POU-GWU fix-xhur u s-snin li ġejjin se jkun li tkun parti minn għaqda pulizjeska fuq livell Ewropew (*EuroCOP*) u eventwalment fuq livell internazzjonali. Il-*EuroCOP* (*European Confederation of Police*) hi konfederazzjoni li sal-lum għandha 35 *trade union* pulizjeska minn 27 pajjiż Ewropew differenti u tirrappreżenta aktar min-nofs miljun pulizija, bil-kwartieri ġenerali tagħha fil-Lussemburgu. Il-*EuroCOP* ġiet imwaqqfa fl-2002 u hi rikonoxxuta wkoll fl-istituzzjonijiet Ewropej. Fil-fatt, fil-bidu, kellha l-istat ta' osservatur fil-Kunsill Ewropew u fl-2004 ngħatat stat parteċipattiv. F'Novembru tal-2005 l-*EuroCOP* affiljat ukoll mal-ETUC, il-konfederazzjoni li diġà affiljat magħha l-GWU.

## Rikonoxximent ta' *trade union*

Rikonoxximent tfisser meta *union* irreġistrata tkun rikonoxxuta minn min iħaddem sabiex ikun jista' jsir negozjar kollettiv. Il-liġi li tirregola l-att dwar l-impjieg u r-relazzjonijiet industrijali (Kap 452) ma tindika u tobbliga lil ebda prinċipal lil min għandu jirrikonoxxi, iżda l-prassi hi li min iħaddem jirrikonoxxi lil dik l-*union* li jkollha aktar minn 50 fil-mija f'dak l-istabbiliment bħala membri tagħha. Fil-każ tal-Pulizija, is-sitwazzjoni hi differenti għax fl-Att dwar il-Pulizija (Kap 164, Art 21) jispeċifika ċar min u kemm għandhom ipoġġu nies fil-bord tal-Pulizija tan-negozjar. Fil-fatt dan il-bord ikun maqsum kif ġej; *chairman* maħtur mill-Prim Ministru, erbgħa (4) min-naħa tal-Gvern, li huma: is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli mill-Pulizija, is-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli mill-finanzi u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għar-Relazzjonijiet Industrijali u erbgħa min-naħa tat-*trade union* li tirrappreżenta lill-membri tal-Forza. F'każ li jkun hemm iktar minn *trade union* waħda, l-għadd tal-membri għandu jkun maqsum skont is-saħħa relattiva ta' dawk it-*trade unions*, kalkulata skont kemm dawn ikollhom membri.

## Ringrazzjament

Nixtieq nirringrazzja lil dawk il-membri tal-Korp kollha li minn jeddhom qed jersqu lejna sabiex jissieħbu magħna. Minkejja li tipprova tingħata l-impressjoni minn xi nies li bħala POU-GWU nappoġġjaw xi partit politiku partikulari, il-fatti qed juru biċ-ċar, li meta jkun hemm bżonn li ssir kritika din issir, irrelevanti min hu l-Gvern tal-ġurnata.

Minn hawn nibqa' nħeġġiġkom sabiex ma tiddejqux tagħmlu kuntatt magħna. Aħna lesti nisimgħu lil kulħadd għax nemmnu li kull persuna hi relevanti fi ħdan il-Korp.

Fl-aħħar iżda żgur mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja wkoll lit-Taqsima Relazzjonijiet tal-Komunita' u l-istampa (CMRU) li tawna l-opportunità niktbu fil-magażin tal-Pulizija għal darb'oħra.

tvella@pow-gwu.org.mt

ADVERT

ADVERT

# Apprezzamenti u kommendazzjonijiet lill-Pulizija

Sent: 23 March 2015 12:34
To: Customer Care at MHAS
Subject: Fire brigade and police woman

I got I accidentally locked out this morning and within a short time the policewoman was here and the fireman entered through the open second floor! I rang head quarters yesterday to congratulate them on the stressful duty they did to protect the new archbishop

---

Dear Sir,

I would like to thank the police force for the professional way W.P.S. 301 and the police officer who accompanied her, handled the situation at my daughter's residence where she was threatened by her boyfriend on Wednesday 18th February at around 01.45 hrs.

Once again the reason I am writing this letter is to thank the police force especially these two officers for their assistance in protecting us in that very difficult moment.

Yours Truly,

---

Ghaziz Maggur Borg,

Xtaqt niktiblek din l-email biex nirringrazzjak tal-mawra gewwa l-Muzew tal-Pulizija. It-tfal sabu l-muzew kif ukoll ix-xelter ta' interess kbir. It-tfal hadu hafna gost u bl-ispjegazzjoni tieghek tghallmu hafna wkoll! Grazzi tal-ghajnuna tieghek u talli tant hadtu hsieb lit-tfal taghna. Anke l-bookmarks kienu utli wkoll! Nispera li ma konniex ta' ebda inkonvenjent minhabba li forsi ghadhom xi ftit zghar. Nixtieq hafna li s-sena diehla nergghu naghmluha jekk ghalikom tajjeb ukoll ghax kollha kemm ahna sibna din l-esperjenza tajba hafna ghat-tfal.

Grazzi mill-qalb.

---

Messaġġ privat fuq il-paġna uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija

GRAZZI GHAL DAK KOLLHU LI TAMLU GHAL POPLU MALTI.GRAZZI MILL-QALB WKOLL TA SERVIZZ PROFESSJONALI LI DEJJEM TAGHTU LIENA L WARDENS META NKUNU QED NAMLU XI HABTA.GRAZZI LILL-SKWADRA TA TRAFFIC U MHUX B INQAS IT TIM TA R.I.U GHAX VERA IKUNU PRONTI FI FTIT SEKONDI. GRAZZI TA KUL MA TAMLU BIEX IT TOROQ TAGHNA IKUNU VERA SAFE. AWGURI GHAL 201 SENA TAL KORP

---

**BOV Fgura Fire.**

Dear Sir,

With this short note I would like to thank the members of the RIU and District Police for the assistance provided on the 11th February 2015 when part of our communications room went on fire at Fgura.

Special thanks go to RIU officers PC 450 Bartolo and PC 1039 Mallia who, together with the undersigned, entered the premises in an attempt to control the fire.

We are also thankful to PS 279 Gauci and PC 1296 Mifsud from the same unit and PS 353 from the Paola district police.

Well done.

Regards,

Alexander Paul Miruzzi
B.A.(Hons); C.P.; MSc (Leic.); LL.B.
Group Security Officer
BOV Group
BOV Centre
Security Department
St. Venera.

---

Comments: I would like to thank Police Officer 1128 for managing to find my daughter's mobile phone. THANK YOU again.

---

I would like to thank the rapid intervention unit & the Msida police station. Yesterday our shop alarm went at about 9.45 pm. They responded quickly and were very helpful & polite. Thank God it was a false alarm. Knowing they are there puts our mind at ease, thanks again to them for a job well done.

---

25th March 2015

Attention Commissioner Mr. Cassar,

We would like to show our appreciation towards the Drug Squad section, Traffic section and the Dog section for their wonderful performance that they did yesterday at our school St. Thomas More College, ALP Paola.

The feedback that we received from our students towards all 3 sections was amazing and this was all thanks to the Police Officers that took the time to come to our school and help us in doing this event.

We sincerely thank you all for this help.

Regards

Alexia Gatt
St. Thomas More College
ALP. Paola.

Mr. Emanuel Fenech
Headmaster

---

Liberté • Égalité • Fraternité
RÉPUBLIQUE FRANÇAISE

**Ambassade de France**
**à Malte**

Valletta, March 11th 2015

To whom it may concern

On March 5th 2015 in the afternoon, two French citizens, Ms. Sabrina Daumas and Ms. Angélique Ventard, came to Valetta Police Station regarding a robbery that happened in St Julians the night before.

They were accompanied by the French Embassy's head of consular office.

This Embassy would thus like to offer its warmest thanks to the lady police officer on duty at the office desk, (WPS 125) who has been taking care of them with professionalism, dedication and kindness.

Yours sincerely,

Delphine VIDAL
Consul
Head of Chancery

AMBASSADE DE FRANCE A MALTE

B/O :
Mr. Michael CASSAR

Commissioner of Police
Police General Headquarters,
Floriana, Malta

# Il-Ktieb dwar l-Istorja tal-Kunstabbjular Ammiraljali f'Malta

mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali

Dan l-aħħar ġiet tkellimni ċerta Theresa De Barro dwar pubblikazzjoni ġdida li għadha kif ħarġet, dwar l-istorja tal-Kunstabbjular Ammiraljali f'Malta.

Din il-pubblikazzjoni tikkonsisti fi ktieb volumuż bit-titlu *History of the Admiralty Constabulary Malta*, liema xogħol hu kitba u frott ir-riċerka ta' missierha Joseph Galea, li ħalla din id-dinja f'Jannar li għadda fl-età ta' 88 sena.

Il-ktieb hu bbażat fuq riċerka estensiva dwar l-Ammiraljat f'Malta, żmien l-Ingliżi (xorta ta' kmand jew governanza dwar dak li għandu x'jaqsam mal-baħar, flotot, Navy, Tribunal Marittimu eċċ.)

Galea kien wieħed minn dawn il-membri ta' dan il-korp, li wara ċertu żmien kellu l-privileġġ li jaċċessa l-Arkivju li kellu l-Ammiraljat f'Sant Anġlu. Storja li tkopri perjodu sostanzjali ta' ġrajjiet waqt il-ħakma Ingliża f'Malta, sa ma telqu għal kollox nhar il-31 ta' Marzu tal-1979. Dan permezz ta' diversi dokumenti importanti u 'l fuq minn madwar 100 ritratt, fil-biċċa l-kbira tagħhom, ritratti storiċi.

Fil-fatt minn wara din id-data, dawk il-Maltin li kienu ngaġġati mas-servizzi, partikolarment dawk li kienu fl-*Admiralty Constabulary*, ħafna minnhom issieħbu mal-korpi dixxiplinarji Maltin, l-aktar fost il-Korp tal-Pulizija, il-*Fire Brigade*, Airport u *Dockyard Police*, l-Armata u l-Ħabs Ċivili. Dawk li kienu daħlu Pulizija niftakar li kienu jsibuhom bħala tad-*Dad's Army*. L-awtur tal-ktieb innifsu, is-Sur Galea kien wieħed minn dawk li ngaġġa ruħu fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta, għal perjodu qasir ta' żmien.

F'kapitlu minn dan il-ktieb wieħed isib il-lista tannies li kienu jagħmlu parti minn dan il-Korp, bir-ritratt tagħhom ukoll. Ċert li ħafna ltaqgħu magħhom u wkoll jafuhom personalment. Minħabba li l-ktieb jidħol fil-kategorija ta' ktieb ta' *melitensia*, b'xi mod qed jitratta wkoll indirettament il-korpi dixxiplinari li kien hawn u li għad hawn f'Malta, inkluż dak tal-Pulizija.

"Kienet ix-xewqa tal-awtur qabel ma' miet," qaltilna s-Sinjura De Barro, "li qabel mal-ktieb jitqassam fil-ħwienet tal-kotba; tingħata preċedenza lil dawn il-korpi, membri u pensjonanti tagħhom li jkunu



Il-Faċċata tal-ktieb dwar l-Istorja tal-Kunstabbjular Ammiraljali f'Malta

interessati jakkwistaw koppja tiegħu." Għaldaqstant, hi lesta li għal dawn tgħaddi koppji bi prezz ridott.

Dan il-ktieb hu l-aħħar minn sensiela ta' kotba ta' dan l-awtur prolifiku u l-uniku wieħed li ħareġ bil-lingwa Ingliża. Ma' dan, b'kollox ippubblika mal-għoxrin ktieb bil-Malti f'suġġetti dwar l-Istorja ta' Malta, rumanzi kemm dawk ibbażati fuq l-istess Storja ta' Malta u ġrajjiet veri u oħrajn mistħajla. Fost il-kotba tiegħu nsibu: 'L-Istorja tad-Dockyard Police', 'Min kien il-Qattiel', 'Qalb Maqsuma', 'Mercedes', 'Madame X', 'Il-Qawwa tas-Salib' u 'Għajnejn Żmeraldi'.

joseph.q.borg@gov.mt

ADVERT

ADVERT




Aiyana Hamer
5 snin

Dawk il-membri tal-Korp li għandhom it-tfal u jixtiequ jagħtu s-sehem tagħhom f'din il-paġna, permezz ta' kitba jew tpinġija relatata mal-Korp tal-Pulizija, jistgħu jagħmlu dan billi jagħmlu kuntatt mal-Bord Editorjali fuq magazine.police@gov.mt

# X'għajnuna tista' tfittex waqt żminijiet diffiċli

minn Stelmart Khalil - ESP Unit Co-Ordinator Employee Support Programme Unit

Il-*counselling* hu tip ta' terapija li tagħtik l-opportunità tiddiskuti, f'ambjent privat u sikur, kwistjonijiet u emozzjonijiet li jistgħu jkunu qed jaffettwaw ħażin il-mod ta' kif tiffunzjona. Il-*counsellors* huma mħarrġa biex jisimgħu, mingħajr ma jimponu l-opinjonijiet u t-twemmin tagħhom fuqek, b'hekk jibqgħu imparzjali u newtrali filwaqt li jżommu f'moħħhom dak li hu fl-aħjar interess tiegħek. It-tip ta' *counsellor* li tagħżel li tikkonsulta, jiddependi mill-problema li tkun għaddej minnha. Peress li dawn il-professjonisti kollha jitrattaw is-saħħa mentali, hu normali li jkun hemm konfużjoni dwar liema professjonist għandek tkellem. Madankollu, liema professjonist jista' jaqdi l-aħjar il-bżonnijiet tiegħek hi għażla tiegħek. Din il-professjoni għandha kwalitajiet li jiddistingwu bejn professjonisti l-iktar komuni tas-saħħa mentali, fosthom il-psikoloġi, il-psikoterapisti, il-psikjatri u t-terapisti tal-familja. Ftakar li għalkemm il-professjoni tiddetermina fuq xiex għandu jiffoka l-professjonist waqt it-terapija, hu normali li professjonisti f'oqsma differenti jaħdmu flimkien biex jagħtu l-appoġġ meħtieġ lill-individwu.

## Il-Psikoloġi u l-Psikoterapisti

Il-psikoloġi u l-psikoterapisti jaħdmu speċifikament fuq problemi emozzjonali, mentali u ta' mġiba. Għandek mnejn taħseb li dawn il-professjonisti jistgħu jgħinuk biss jekk tkun tbati minn xi kundizzjoni mentali kronika li mhix tħallik tilħaq l-iskopijiet u tgħix ħajja komda, bħal pereżempju *post-traumatic stress disorder*, vizzji, jew dipressjoni. Fil-fatt, dawn il-professjonisti għandhom il-kompetenza li jgħinu lill-individwi f'qagħdiet bħal dawn. Madankollu, biex tagħmel appuntament magħhom m'hemmx għalfejn ikollok kundizzjoni mentali persistenti u għal żmien twil. Dawn il-professjonisti jistgħu jgħinuk ukoll tegħleb problemi tal-mument li minħabba fihom is-sibha diffiċli tibqa' għaddej bil-ħajja tiegħek, bħal tmiem ta' relazzjoni, il-mewt ta' xi ħadd għażiż, jew *stress* (għejja) fuq ix-xogħol.

Waqt is-sessjonijiet, speċjalment dawk tal-bidu, dawn il-professjonisti jistgħu jużaw metodi ta' evalwazzjoni varji li jgħinuhom jagħmlu dijanjożi tal-kundizzjoni li tkun qed tbati minnha jew ta' x'inhi l-kawża li qed iġġiegħlek iġġib ruħek jew tħossok b'dan il-mod. Meta jkollhom idea ċara dwar xi jkun qed jiġri f'ħajtek, min int bħala persuna u fejn huma d-diffikultajiet tiegħek, tiġi magħżula terapija partikulari. Il-professjonista jipprovdilek it-tip ta' kura li tindirizza l-aħjar il-problema tiegħek u jaqbel l-iktar mal-preferenzi tiegħek. Għaldaqstant tkunu tistgħu taħdmu flimkien u tiddiskutu matul il-kura biex jiġi żgurat li t-terapija tkun kollaborazzjoni bejnek u bejn il-professjonista. B'hekk dejjem tkun taf x'qed jiġi interpretat minn dak li jkun qed jintqal waqt is-sessjonijiet, bħal x'qed jikkawża ċerti reazzjonijiet, kemm jekk emozzjonali jew ta' mġiba u kif dawn il-problemi jistgħu jiġu ndirizzati. Bażikament l-iskop tat-terapija hu li jagħtik l-opportunità tiddiskuti l-problema tiegħek ma' professjonist newtrali, oġġettiv u li mhux se jiġġudikak, xi ħaġa li x'aktarx għad ma kellekx l-opportunità li tagħmel. Barra minn hekk, id-dijanjożi m'għandhiex titqies bħala timbru, anzi pjuttost hi indikazzjoni ta' x'qed jiġri fik u dan jgħin lill-professjonista biex jieħu idea ta' kif jista' jgħinek aħjar.

F'ċerti każi l-aħjar azzjoni hi l-mediċina flimkien mat-terapija u f'dan il-każ, trid tiltaqa' mal-psikjatra. Il-professjonisti nvoluti jaħdmu flimkien biex jiddiskutu kif tkun sejjer bil-kura u jekk ikunx hemm bżonn ta' xi tibdiliet fil-mediċina jew fit-terapija.

## Il-Psikjatri

Bħalma semmejna qabel, uħud mill-problemi jirrikjedu preskrizzjoni medika bħala għajnuna lill-individwu u għall-mod ta' kif jgħaddi bit-terapija. Il-psikjatra hu tabib speċjalizzat biex jagħmel dijanjożi tal-problemi tas-saħħa mentali, jikkurahom u jipprevenihom. Dan it-tip ta' taħriġ mediku estensiv jipprovdi lill-professjonist b'għarfien dwar kif jaħdem il-ġisem u l-inter-

azzjoni ta' bejn il-funzjonijiet ħżiena mediċi u fiżiċi, u l-problemi emozzjonali. Permezz tal-kompetenza fl-aspett kemm mentali u fiżiku tan-natura umana, il-psikjatra kapaċi jiddistingwi jekk is-sors tal-problema tiegħek hux ta' natura psikoloġika jew fiżika.

Il-psikjatra jagħmillek xi testijiet mediċi u psikoloġiċi biex ikun jaf l-istat fiżiku u mentali f'dak il-perijodu partikulari. Minħabba t-taħriġ tagħhom, il-psikjatri jistgħu jiktbulek il-mediċina li fil-fehma tagħhom tgħinek fis-sitwazzjonijiet li tkun għaddej minnhom. Dawn it-tipi ta' mediċini huma magħrufin bħala mediċini psikjatriċi. L-effetti tal-mediċina, madankollu, ivarjaw minn individwu għall-ieħor. Xi wħud ikollhom riżultat pożittiv bil-mediċina u għalhekk ma jkollhomx bżonnha għal tul ta' żmien. Pereżempju, persuna b'dipressjoni li tkun bdiet tieħu kors ta' mediċini anti-dipressivi tista' tibda tħossha ħafna aħjar u allura l-psikjatra jgħidilha li l-mediċini jistgħu jitwaqqfu mingħajr periklu. Mill-banda l-oħra, xi persuni li jsofru mid-dipressjoni għal żmien twil, skiżofrenija, u kundizzjonijiet oħra ta' saħħa mentali, għandhom jieħdu l-mediċini tul ħajjithom biex ikunu jistgħu jgħixu u jiffunzjonaw bil-kundizzjoni li jkollhom.

It-tip ta' mediċini preskritti, id-doża li għandha tittieħed u kif jaffettwawk jiddependi minn bosta fatturi. L-ewwelnett, it-tip ta' mediċina li tintgħażel tiddependi qabel xejn mid-dijanjożi li tkun saret. Jekk inti jkollok dipressjoni m'intix se tingħata l-istess mediċina bħal xi ħadd li jkollu skiżofrenija. Min-naħa l-oħra, id-dożi kif ukoll l-effetti kollaterali jiddependu mill-istruttura fiżika tiegħek. Fost il-fatturi li jiġu meqjusa nsibu, l-età, is-sess u l-qies tiegħek, xi mard fiżiku ieħor li għalih ikollok bżonn mediċini li jistgħu jinterferu mal-mediċina psikjatrika, l-istorja ġenetika, jekk tpejjipx jew tixrobx, id-dieta tiegħek u kemm għandek fwied u kliewi b'saħħithom. Hu fl-aħjar interess tiegħek li tkun taf x'mediċini tkun se tieħu u għaliex, għal liema tul ta' żmien u x'effetti kollaterali jista' jkollok, sabiex tkun infurmat kemm jista' jkun. Għalhekk kun ċert li titkellem mal-psikjatra tiegħek u tistaqsih xi mistoqsijiet li jista' jkollok.

## It-Terapisti tal-Familja

Kultant, jista' jkun hemm fatturi fil-familja tiegħek li jkunu qed jinfluwenzawk. F'dan il-każ jista' jkollok bżonn tfittex l-għajnuna ta' terapista tal-familja. L-iskop tat-terapista tal-familja hu li jifhem ir-relazzjonijiet li għandek mal-familja. Terapista tal-familja jagħti lok lill-membri tal-familja jitkellmu dwar dak li jaħsbu u jħossu b'mod sikur, privat u mingħajr ma jkunu ġġudikati. Il-professjonista, flimkien mal-individwi konċernati, jipprova jifhem l-opinjonijiet tal-membri tal-familja u jgħin lill-klijenti jsiru jafu l-ħiliet ta' xulxin u kif jistgħu jgħinu wieħed lill-ieħor biex jegħlbu d-diffikultà. It-terapija li tingħata hi għal żmien qasir u l-iskop tagħha hu li tinstab soluzzjoni għall-problema tiegħek.

It-terapisti tal-familja huma mħarrġa fil-psikoterapija u fl-edukazzjoni tal-familja. Għaldaqstant huma mħarrġa jagħmlu dijanjożi u jikkuraw problemi tas-saħħa mentali li għandhom x'jaqsmu maż-żwieġ, mal-koppji u mar-relazzjonijiet ta' mal-familja. Biex ikunu jistgħu jagħmlu dan, meta tikkonsultahom dwar xi diffikultà mentali li jista' jkollok, it-terapisti tal-familja jindirizzaw kwistjonijiet ta' relazzjonijiet kumplessi li hemm fil-familja tiegħek. Eżempji ta' x'jistgħu jitrattaw it-terapisti tal-familja huma, kwistjonijiet tar-relazzjoni bejn xi membri tal-familja, diffikultajiet bit-trobbija, għejja tax-xogħol u tal-familja, problemi ta' mġiba fit-tfal u fl-adolexxenti, u problemi fil-komunikazzjoni.

Għalkemm tista' tmur għand terapista tal-familja għax int l-unika persuna fil-familja li għaddejja minn problemi ta' saħħa mentali, il-membri tal-familja jistgħu jiġu intervistati wkoll minħabba r-rwol li jista' jkollhom ir-relazzjonijiet tagħhom fuq is-saħħa mentali tiegħek. Ir-riċerka turi li t-terapija tal-familja mhux biss hi effettiva, iżda kultant hi aħjar mit-terapija individwali biex titratta ċerti problemi. Fil-fatt, studji li saru juru fejqan iktar bikri fost dawk li jkunu fittxew it-terapija tal-familja għal problemi mentali bħalma huma l-iskiżofrenija fl-adulti, mard li jaffettwa l-burdati bħad-dipressjoni, abbuż minn sustanzi, mard li jaffettwa l-imġiba u l-*anorexia nervosa*. Ta' min

jgħid li mhux il-problemi mentali ta' kulħadd huma kkawżati bl-istess mod. Għaldaqstant jekk inti l-unika persuna fil-familja li qed tbati minn problemi ta' saħħa mentali, dawn mhux neċessarjament huma kkawżati mir-relazzjonijiet ta' mal-familja u għalhekk it-terapija tal-familja għandha mnejn ma tkunx l-aħjar soluzzjoni għalik.
Madankollu, dan tiskoprih meta tfittex l-għajnuna professjonali u titkellem ma' xi ħadd li jista' jagħtik informazzjoni dwar minn fejn hi ġejja l-problema tiegħek.

### Ħu azzjoni

Tkun xi tkun it-tip ta' terapija li tagħżel u liema professjonist tiddeċiedi li tikkonsulta, ftakar li għall-professjonisti, l-aħjar interess għal saħħtek hi l-iżjed ħaġa importanti. M'għandniex xi ngħidu, għandek tkun imħejji biex tiddiskuti kwistjonijiet x'aktarx diffiċli. Minkejja li tista' ssibha iebsa biex tagħmel dan, żomm f'moħħok kemm it-terapija se tgħinek 'il quddiem, u kemm se tkun iktar kapaċi tieħu ħsieb is-saħħa mentali tiegħek u tieħu l-azzjoni meħtieġa biex tkun iktar b'saħħtek mentalment.

Jekk għaddej minn xi diffikultajiet li qed jaffettwawlek il-ħajja personali u/jew professjonali, l-appoġġ u l-*counselling* jistgħu jgħinuk biex tħossok aħjar u ma tinqatax għalik waħdek.

Għal iktar informazzjoni u appoġġ, jew biex tagħmel appuntament, ikkuntattja lill-*Employee Support Programme* billi ċċempel fuq 2200 1210 jew tibgħat *e-mail* f'dan l-indirizz esp.opm@gov.mt.

It-team tal-*Employee Support Programme* jixtieq jieħu din l-opportunità biex jawgura l-Milied ħieni u l-festi t-tajba lilek u lill-għeżież tiegħek.

magazine.police@gov.mt

## Id-drittijiet tal-konsumatur waqt is-Sales

Meta konsumatur jixtri oġġetti bi prezz imnaqqas, id-drittijiet legali tiegħu ma jinbidlux. Għaldaqstant, jekk l-oġġett li jinxtara waqt Sales jirriżulta difettuż, il-konsumatur għandu dritt jitlob rimedju.

Waqt Sales, il-konsumatur għandu joqgħod attent għall-kundizzjonijiet tar-ritorn. Legalment tal-ħanut m'għandux l-obbligu li jaċċetta lura l-oġġetti mixtrija jekk dawn ikunu skont il-ftehim tax-xiri. Minkejja dan, il-maġġor parti tal-ħwienet jippermettu lill-konsumatur jibdel il-prodott li ma jridx, jew joffrulu credit note jew flus lura. Waqt żminijiet ta' Sales, dawn il-kundizzjonijiet tar-ritorn jistgħu jinbidlu jew jitneħħew. Meta dan ikun il-każ, il-bejjiegħ għandu jinforma lill-klijenti tiegħu sabiex jevita problemi u lmenti żejda. Minn naħa l-oħra l-konsumatur għandu r-responsabbiltà li dejjem jistaqsi lill-bejjiegħ dwar il-kundizzjonijiet tar-ritorn qabel ma jikkonkludi x-xiri, speċjalment waqt Sales.

Konsumatur jista' jsib ruħu f'sitwazzjoni fejn jirritorna oġġett difettuż u jiskopri li dan qed jinbiegħ bi prezz imnaqqas. Meta jiġri hekk il-konsumatur għandu jiftakar li l-ewwelnett għandu dritt li l-prodott difettuż jissewwa jew jinbidel, u f'każ li dawn iż-żewġ rimedji ma jkunux possibbli, jew ikunu ser joħolqulu inkonvenjent sinjifikanti, il-konsumatur għandu dritt jitlob flusu lura. F'każ li l-unika soluzzjoni hija l-flus lura, ikun utli ħafna li l-konsumatur jippreżenta l-irċevuta bħala prova ta' kemm ħallas għall-oġġett sabiex jingħata lura l-ammont li ħallas u mhux l-ammont imnaqqas.

Hija meqjusa bħala prattika kummerċjali qarrieqa li bejjiegħ jagħmel dikjarazzjoni ta' roħs minn prezz partikolari meta fil-verità l-oġġett qatt ma jkun inbiegħ bil-prezz riklamat. Barra minn hekk, meta ħanut jagħmel paragun ta' roħs bejn żewġ prezzijiet, l-ogħla prezz għandu jkun l-aħħar prezz li kien qiegħed jinbiegħ l-oġġett qabel ma beda s-Sale. Jekk waqt ix-xiri l-konsumatur jiltaqa' ma' xi prattika kummerċjali qarrieqa, jista' jagħmel rapport mal-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur.



**L-iskop ta' dan l-artiklu huwa biss li jipprovdi informazzjoni u mhux li jagħti parir legali. F'każ ta' ilment jew bżonn ta' aktar informazzjoni tista' tikkuntattja lill-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur fuq il-Freephone 80074400.**

**Żur is-sit elettroniku www.mccaa.org.mt għal aktar informazzjoni fuq id-drittijiet tiegħek bħala konsumatur.**

MCCAA
MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

ADVERT

ADVERT

*Il-Union Indipendenti Tiegħek*

# Malta Police Association

mill-Ispettur Frankie Sammut

## Il-Ħidma tal-MPA matul dawn l-aħħar sitt xhur.

Matul dawn l-aħħar sitt xhur, il-kumitat tal-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ta' Malta, kien jiltaqa' minn tal-inqas kull ġimagħtejn, saħansitra kien hemm perjodu fejn minħabba ċirkustanzi ta' natura urġenti, dan iltaqa' kull ġimgħa. Madanakollu l-laqgħat li saru dejjem taw il-frott mixtieq għax fihom ittieħdu deċizjonijiet favur il-membri tagħna.

## Kisbiet li ħadmet għalihom l-MPA u li ġew adottati.

Għalkemm il-kumitat il-ġdid għadu fil-bidu tal-esekuzzjoni tal-mandat tiegħu, b'wiċċu minn quddiem, ilu jgħarraf lill-membri tal-assoċjazzjoni bil-kisbiet li kiseb permezz tal-*email* u għall-benefiċċju ta' dawk li m'għandhomx *email* jew għal xi raġuni jew oħra ma jkunux qed jirċievu din il-korrispondenza ser nerġgħu nsemmuhom.

Fil-ħarġa li għaddiet ta' dan il-magażin semmejna l-punti li għalihom kienet qed taħdem l-MPA. Madanakollu tajjeb insemmu li l-MPA kienet għamlet talba sabiex kull uffiċċju u Għassa tal-Pulizija jiġu mgħammra b'*air conditioning units*. Bil-perseveranza tal-MPA jidher li l-proċess sabiex din il-ħolma ssir realtà diġà beda wkoll, hekk kif nistgħu naraw it-*tender* sabiex dan il-makkinarju jiġi mixtri u nstallat. Fil-fatt diġà hemm xi għases li qed isirulhom l-ispezzjoni meħtieġa sabiex jaraw fejn dawn ser jiġu nstallati.

Qabel l-Elezzjoni Ġenerali tal-2013, l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija kienet intalbet sabiex tressaq tliet talbiet speċifiċi. Minkejja li x-xewqat tal-MPA kienu jidhru kważi diffiċli li wieħed jakkwistahom, din xorta b'determinazzjoni tablet li:

- l-MPA issir *Union;*
- It-taxxa tal-*extra-duty* tinqata' separatament bil-15%;
- Il-membri tal-Korp jitħallsu tas-sigħat żejda li ħadmu.

Minn dawn it-tliet talbiet, sal-lum diġà nkisbu tnejn. U aħna determinati li nkomplu nirsistu sabiex it-tielet talba tagħna narawha titwettaq.

Hawn tajjeb li wieħed jikkjarifika li dawn it-talbiet tniżżlu iswed fuq l-abjad sa minn meta saru, u mhumiex xi ideat li xi ħadd ħolomhom bihom wara li smajna bid-dritt li l-membri tal-korpi dixxiplinati jistgħu jissieħbu f'*union.* Wisq anqas ma seħħew għax xi ħadd ħaseb fina u tħassarna. Iżda b'wiċċna minn quddiem nistqarru li kienet l-MPA li b'perseveranza rsistiet għal dawn il-kisbiet – u dan minkejja li hemm min qed jipprova jieħu l-mertu għal dan. Il-kisbiet ma jiġux billi wieħed jagħmel enfasi bil-kliem, iżda b'laqgħat mal-awtoritajiet konċernati sabiex jintlaħaq qbil bejn il-partijiet konċernati u xogħol ieħor, li minkejja li ma jidhirx, ikun qiegħed jitwettaq b'rieda u determinazzjoni.

Dokumentazzjoni li għandna, turi li dawn it-talbiet ilhom imorru lura sa mill-2002, iżda sfortunatament dak iż-żmien ma kellniex is-saħħa ta' *Union* bħalma għandna llum.

Kien proprju minħabba f'hekk li l-Assoċjazzjoni laqgħet b'sodisfazzjon il-miżura tal-15% taxxa fuq l-*extra duty* mħabbra fil-baġit li għadda, u li minnha ser igawdu dawk il-persuni li jagħmlu l-*extra.* Din ma kinitx manna nieżla mis-sema, iżda riżultat ta' tul ta' snin ta' ħidma. Hu minnu li minn meta tlabna din il-miżura għaddew numru ta' snin hekk kif ġejna kkritikati. Iżda kulħadd kellu l-opportunità li jikkontesta l-elezzjoni sabiex jiġi elett mill-membri bħala membru fil-kumitat. L-għażla tar-rappreżentanti tal-membri fil-kumitat mill-membri kollha tal-istess MPA hu prinċipju fundamentali li l-MPA kienet u beħsiebha tkompli tħaddan. Dan għax l-MPA qiegħda hemm biex isservi 'l membri kollha tagħha. Hu għalhekk li għandhom ikunu huma li jagħmlu din l-għażla b'opportunità ndaqs għal kull min jixtieq

jimpenja ruħu. Infakkar ukoll li kull delegat tal-MPA seta' jressaq mozzjoni jew forma ta' talba sabiex jiġu rranġati l-affarijiet. Id-dokumentazzjoni turi wkoll li filwaqt li d-diskussjoni għall-kritika kienet dejjem miftuħa waqt il-laqgħat, hemm min qatt m'għamel dan minkejja l-opportunità sħiħa li kellu, jew aħjar, kien fid-dmir li jagħmel meta kien delegat hu stess.

Infakkar ukoll li l-MPA fetħet l-ewwel kawża tagħha rigward l-irkant tal-armi. Ftit xhur qabel kien sar mandat sabiex jitwaqqaf l-irkant tal-armi peress li l-MPA ħasset li l-membri tal-Korp kienu ser jiġu diskriminatament imċaħħda milli jipparteċipaw f'dan l-irkant. Minkejja li kien ingħata żmien sabiex l-affarijiet jiġu regolarizzati, sfortunatament, ma wasalniex u għalhekk ittieħdet id-deċiżjoni li tinfetaħ din il-kawża għall-benefiċċju ta' dawk interessati sabiex jipparteċipaw f'dan l-istess irkant. Il-kawża kienet ġiet appuntata għas-smigħ quddiem l-Imħallef Dr Miriam Hayman għall-4 ta' Novembru 2015. Din hi ġurnata storika, għax timmarka l-ewwel kawża li qatt ġabet *Union* tal-korpi dixxiplinati.

## Ħlas tal-Kontribuzzjoni

Nixtieq ukoll nirrimarka dwar il-ħlas tal-*contribution*. L-MPA talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jieħu pożizzjoni dwar il-ħlas ta' din is-somma. L-ilment tal-MPA kien li mhux sew li l-membri tagħha qed iħallsuha u membri oħrajn mhumiex. Aħna dejjem sostnejna li meta wieħed jagħti direttiva f'korp dixxiplinat, dan ikun qiegħed imur kontra l-liġi u aħna żgur mhux ser ngħidu lill-membri tagħna sabiex jiksru l-liġi.

Artiklu 67A ta' Kap 452 jgħid hekk:
67A. (1) *Membru ta' forza dixxiplinata jista' jissieħeb fi trade union reġistrata tal-għażla tiegħu.*

*(2) Trade union li tirrappreżenta membri ta' forza dixxiplinata:*
*(a) ma tistax tillimita s-sħubija fiha għal xi rank partikulari fl-imsemmija forza;*
*(b) tista' tinnegozja kundizzjonijiet ta' mpjieg u tieħu sehem fi proċeduri ta' temm ta' kwistjonijiet li jkunu ta' natura ta' konċiljazzjoni, ta' medjazzjoni, ta' arbitraġġ jew ta' natura ġudizzjarja f'isem il-membri tal-forza dixxiplinata li tirrappreżenta iżda ma jkollha l-ebda dritt li tieħu xi azzjoni oħra fil-forza dixxiplinata bi ħsieb ta' tilwima jew biex din it-tilwima titmexxa 'l quddiem.*
Minbarra dan kollu, kien hemm diversi persuni li talbuna l-għajnuna ta' avukat, u aħna, mingħajr tlaqliq ipprovdejnielhom din l-assistenza.

Persuni oħra, li impossibbli nsemmuhom kollha, talbuna l-intervent tagħna sabiex titranġa s-sitwazzjoni tagħhom fil-post fejn huma stazzjonati, u aħna din l-għajnuna tajnihielhom.

## Talbiet pendenti

L-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ma waqfitx hawn. Kellna diversi kwistjonijiet oħra li għadna fi stadju ta' diskussjoni, fosthom dwar il-*fixed point duties*. Tajjeb tkunu tafu li t-talbiet tagħna lill-amministrazzjoni tal-Korp għamilniehom fejn ipproponejna li għandu jkun hemm kaxxi adekwati bl-arja kundizzjonata bħalma għandhom dawk li jagħmlu l-għassa mal-Prim Ministru, kif ukoll dawk li jagħmlu l-għassa mal-Ambaxxata Ingliża, iżda sfortunatament ma kellniex risposti pożittivi. Madanakollu ntalab l-intervent tal-Prim Ministru fejn min-naħa tiegħu rrimarka lill-Ministru konċernat sabiex tinstab soluzzjoni kemm jista' jkun malajr u ta' dan nirringrazzjawh.

Għamilna wkoll domandi lill-PAHRO fejn staqsejna għaliex qed nerġgħu niġu diskriminati meta l-membri tagħna qed jaħdmu Ħdud kif ukoll sahra u qed jitħallsu b'rati anqas mill-iskala ekwivalenti meta mqabbla ma' skali oħra fiċ-ċivil. Staqsejna wkoll għaliex il-festi qed jinqatgħu mil-*leave* meta jaħbtu fil-frank tagħna meta f'dipartimenti oħra tal-Gvern dawn mhux qed jinqatgħu. Madanakollu s'issa għad m'għandna l-ebda tweġiba. Aħna ser nagħtu ċ-ċans iżda għandna l-limitu tagħna. Jekk ma jkollna l-ebda risposta għat-talbiet tagħna, dawn ser jibdew jitressqu quddiem it-tribunal industrijali.

Hemm aktar punti li għadhom pendenti, fosthom: karozzi adekwati għall-kulħadd; *allowances* għal dawk stazzjonati fid-distrett; uniformijiet adekwati għat-Taqsima tat-Traffiku u diversi taqsimiet oħra; apparat li jintuża mill-Pulizija li ma jkunx skadut; żidiet fil-pagi; tnaqqis tal-ħinijiet tax-xogħol minn 46 siegħa għal 40 siegħa; mistrieħ adekwat bejn xift u ieħor skont il-*European Working Time Directive*;

ADVERT

ADVERT

*on call allowance* għal dawk kollha li jkunu *on call*; *reduced hours; parking* fil-Belt Valletta għal dawk stazzjonati l-Belt; u ħafna affarijiet oħra li impossibbli nsemmuhom hawn għax hi lista li tista' tgħid ma tispiċċa qatt u nispiċċaw nieħdu l-magażin kollu.

Tajjeb insemmi wkoll li aħna, bħala kumitat, qbilna li m'għandniex noqogħdu nwieġbu għall-allegazzjonijiet li jsiru fil-konfront tagħna. Aktar minn hekk, etikament m'aħniex ser noqogħdu nikkustinjaw ma' *Unions* oħra. Minkejja dawn, hawn nixtieq ngħid li dan l-aħħar qed isiru ċerti allegazzjonijiet fuq il-flus li għandha f'idejha l-MPA. Dawn il-flus huma għall-benefiċċju tal-membri tagħha. Hawn nistieden lil kull min qed jagħmel dawn l-allegazzjonijiet sabiex jissustanzja dak li jgħid u jekk jaħseb li m'aħniex naġixxu korrettement għandu jirrapporta dan, u jieħu dawk il-miżuri kollha li toffri l-liġi, fosthom proċeduri fil-Qorti.

Fl-aħħar nett nixtieq infakkarkom dwar il-benefiċċji ġodda li l-membri tagħna jistgħu jgawdu minnhom, bħal roħs fuq l-assigurazzjoni tad-dar u tal-vetturi mingħand il-*Jatco*, roħs ta' 5% fuq mediċini u l-oġġetti l-oħra li jinbiegħu minn *Floriana Dispensary* li tinsab qrib il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Nixtieqq nħabbrulkom ukoll li l-membri jistgħu jgawdu wkoll minn roħs ta' 15% fuq il-ġugarelli li jinxtraw minn ESL li jinsab Ħaż-Żabbar. Ħa nibagħtulkom *discount card* fil-jiem li ġejjin. Iżda għad fadal ħidma li ma waqfitx hawn.

L-MPA ser tniedi *website* ġdida fix-xhur li ġejjin sabiex il-membri tagħna jkunu jistgħu jiġbru l-informazzjoni b'mod aktar faċli. Madanakollu qed tistaqsi lill-membri tagħha sabiex jekk hemm xi ħadd li għandu xi ideat dwar x'għandu jkun hemm f'din il-*website* jagħmel kuntatt ma' xi membru tal-kumitat. Aħna lesti biex nilqgħu l-proposti tagħkom.

Infakkarkom li l-membri tal-kumitat qegħdin hemm għas-servizz tagħkom. Intom ilkoll mistiedna tavviċinawna fil-bżonnijiet u d-diffikultajiet li tiltaqgħu magħhom fil-post tax-xogħol.

http://www.mpa.org.mt

ADVERT

ADVERT

# Il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija

Fix-xahar ta' Diċembru 2015, il-Kumitat Sportiv tal-Pulizija organizza żewġ attivitajiet prinċipali li huma:-

**Snooker Marathon** – li saret mit-2 sal-5 ta' Diċembru 2015 fil-*Games Room* tal-Kwartieri Ġenerali, il-Furjana, u ***5K Run/Walk*** imsejħa ***Polrun/walk 2015*** li se ssir fis-27 ta' Diċembru 2015, fejn din se tibda minn Masġar Kennedy (*Kennedy Grove*) sa ħdejn Tanti Kiosk f'Baħar iċ-Ċagħaq.

Għall-attività tas-***Snooker Marathon*** ġew mistiedna wkoll dipartimenti, aġenziji, istituzzjonijiet u entitajiet oħra sabiex il-membri tagħhom ħadu sehem, fosthom dawn li ġejjin: *Armed Forces of Malta, Civil Protection Department, Corradino Correctional Facilities, Mater Dei Hospital, Central Bank of Malta; Financial Intelligence Analysis Unit, Internal Audit and Investigations Department, Customs Department, HSBC Bank [Malta] plc, Bank of Valletta plc, Banif Bank plc u APS Bank Limited.*




Madankollu għall-attività tas-27 ta' Diċembru 2015 jiġifieri l-***Polrun/walk***, din hi miftuħa kemm għal dipartimenti, aġenziji, istituzzjonijiet u entitajiet kollha msemmija aktar qabel iżda wkoll għall-pubbliku in ġenerali.

Il-parteċipazzjoni hi ntiża mhux biss għal dawk l-atleti kompetittivi iżda wkoll għal dawk li mhumiex. L-iskop ta' dawn l-attivitajiet sportivi hu biex jitħeġġeġ aktar l-għarfien ta' problemi ta' saħħa u li jinkuraġġixxi u jżid il-ħtieġa li l-isports hu l-mediċina biex wieħed jibqa' b'saħħtu. Il-miżata tal-parteċipazzjoni ta' kull atleta se tiġi miġbura u tingħata bħala donazzjoni lill-karità wara li jitnaqqsu l-ispejjeż. Hija fid-deskrizzjoni tal-Kummissarju li jagħżel liema entita' ser tibbenefika mill-ġabra.

Il-parteċipazzjoni ta' kull membru tal-Korp hi inkuraġġita. Eżenzjoni mix-xogħol biex wieħed jieħu sehem f'dawn l-attivitajiet imsemmija mhix garantita minħabba l-impenji tal-Korp, li f'ċerti sitwazzjonijiet huma impossibli. Iżda min hu interessat għandu jikkuntattja lil xi membru tal-Kumitat sa mhux aktar tard mill-20 ta' Diċembru 2015 .

Dawk kollha li se jinkitbu għal dawn l-attivitajiet sportivi, aktar tard se jkunu mgħarrfa bid-dettalji kollha tal-attivitajiet rispettivi.

Dawn iż-żewġ attivitajiet mhux se jkunu tal-aħħar għax fix-xhur sussegwenti se jiġu organizzati attivitajiet sportivi oħra bħal *Football Tournament, Darts Competition,* u *Tug Of War Knock-Out.* Il-*poster* rispettiv qed jiġi anness f'dan l-artiklu u kull min hu interessat jista' jikkuntattja lil xi membru tal-Kumitat. Skont il-konkorrenza, il-Kumitat jirriserva jekk issirx il-kompetizzjoni rispettiva jew le. Żgur u mhux forsi hemm ħsibijiet ta' attivitajiet oħra iżda dawn isiru jew ma jsirux skont kemm ikun hemm konkorrenza għall-attivitajiet li se jitniedu.



Il-Kumitat jieħu l-opportunità li jinkuraġixxi linnisa jikkompetu u jagħtu appoġġ għall-attivitajiet organizzati mill-Kumitat, fejn din fil-passat kienet waħda fqira jekk mhux xejn.

### Parteċipazzjoni f'attivitajiet sportivi organizzatti mill-Kumitat Sportiv

Hi xi ħaġa minn ewl id-dinja, li biex membri tal-Korp jieħdu sehem f'attività sportiva organizzata mill-Kumitat Sportiv irid ikun eżentat mill-ħidma ta' kuljum għal ċerti sigħat. Għall-Kumitat, din hi uġigħ ta' ras kbira. Fis-sitwazzjoni li qiegħed fiha l-Korp tal-Pulizija, wara d-diskussjoni li l-Kumitat kellu mal-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll il-Kummissarji ta' qabel, din mhix dejjem possibbli. Wieħed irid jifhem li l-kumitat jorganizza l-attivitajiet sportivi mingħajr ma joqgħod iqis jekk hemm eżenzjonijiet għall-parteċipazzjoni jew le, għax jekk kellu jagħmel hekk l-ebda attività sportiva ma jorganizza. Għaldaqstant, inħeġġu lill-membri kollha tal-Korp li fejn jistgħu jagħtu l-għajnuna tagħhom billi jipparteċipaw fl-attivitajiet sportivi rispettivi mingħajr ma joqogħdu jikkalkulaw jekk hux eżentati mix-xogħol jew le.

Wieħed jifhem ukoll li kulħadd għandu familja u flinqas ħin li jkollu, jagħżel li jingħaqad magħha. Iżda l-Kumitat qatt ma eskluda lil ebda membru milli meta jattendi attività sportiva ma jkunx akkumpanjat minn xi membri familjari. Anzi, il-Kumitat



iħeġġeġ lill-familjari ta' kull membru, sabiex fejn jistgħu jattendu u jipparteċipaw huma wkoll meta jkun hemm attivitajiet *open*, speċjalment ikollhom il-ħajra u talent.

### Riflessjoni ta' saħħa ta' kull membru tal-Korp għall-aħħar xahar tas-sena 2015 – xahar ta' riċevimenti

Il-Kumitat u naħseb ukoll l-ammistrazzjoni tal-Pulizija, innota li l-maġġoranza tal-membri tal-Korp tal-Pulizija mhix tieħu sehem f'xi attività sportiva ħlief għal xi membri li verament huma dedikattivi u motivati.

Ta' min wieħed jaħseb u jirrifletti li sabiex kull membru tal-Korp, hu f'liema pożizzjoni hu, sabiex iwettaq il-ħidma tiegħu, għandu jkun fiżikament tajjeb. Wieħed ma jridx jinsa kemm għamel sagrifiċċji biex laħaq l-iskopijiet tiegħu u jkun membru fil-Korp tal-Pulizija. Jidher li saret moda, li meta wieħed isir membru fiss fil-Korp, allura għandu jintelaq u jitlef il-figura li tant ħadem għaliha.

Mhux il-ħsieb tal-Kumitat li jikkritika jekk għandekx iżżomm b'saħħtek jew le. Iżda hu żgur li n-nuqqas joħloq diffikultajiet biex wieħed jkun jista' jagħmel id-doveri tiegħu sewwa. Żgur u mhux l-inqas li l-attivitajiet li qiegħed jorganizza l-Kumitat mhumiex biżżejjed biex wieħed jirkupra, iżda huma l-bidu li jġiegħel lil kull membru tal-Korp jaħseb naqra, jipparteċipa fejn hu meritat li jagħmel.

Dan hu l-ewwel pass li jagħti spinta u l-kuraġġ 'il quddiem u jkun attiv. Il-Kumitat mhux qiegħed jipprova joħloq xi twerwir tas-sitwazzjoni, iżda qiegħed ikun il-mutur li jħeġġeġ u jinkoraġġixxi biex wieħed jaħseb sewwa u jiddeċiedi għall-aħjar, kemm tiegħu u tagħha.

---

ADVERT




Membri ġodda, kollegi u anzjani - x'hemm isbaħ milli tkun liberu mill-ħsibijiet u stress u tieħu sehem f'xi attività sportiva? Qegħdin nistiednu lill-membri kollha u eks membri biex kulħadd jingħaqad flimkien 'il bogħod mill-ħidma ta' kuljum ta' ħsibijiet u stress, f'atmosfera differenti minn dik fl-Għases u/jew uffiċini għal waħda ta' sportività. Qum, imxi u ċċaqlaq u agħti sehmek żgħir kemm hu żgħir iżda żgur se jkun ta' għajnuna għal ħaddieħor fil-bżonn.

mpsc.police@gov.mt



AWGURI

Il-Membri tal-Kumitat jieħdu l-opportunità li jagħtu x-xewqat sbieħ ta' Milied Hieni u Sena aħjar, lil kull membru tal-Korp kif ukoll lill-familjari tagħhom, li tant u tant jagħmlu sagrifiċċji tul is-sena kollha.







THE MALTA POLICE FORCE
Featuring International-Award Winning Photography by Stephen Busuttil
**Limited Edition**
Celebrating the 200th Anniversary of the foundation of the police force
Collection of over 500 images

ADVERT

ADVERT

ADVERT

# International Police Association - Malta

Joseph Borda - Secretary General

## Group Visits

During September and October, a number of foreign IPA members visited Malta on holiday. On each occasion, they met with Committee members from IPA Malta.

During September, Andrei Poporikov from IPA Russia and Kjetil Fuhr from IPA Norway were in Malta. Both met with the Segretary General. On each visit various topics were discussed. They were both amazed by the beauty of Malta and the Maltese kindness.



Andrei Poporikov - IPA Russia



Kjetil Fuhr - IPA Norway

In October, we had two group visits. Both visits were at the same time, so a special programme was organised by Romeo Micallef for the two groups.

The first group came from IPA Austria from the city of Niederosterreich. This group consisted of 20 members and the Group Leader was Harry Albrecht. Most of them were serving police officers.



IPA Austria

The Second Group was from No. 1 Region, IPA Scotland and consisted of a group of 13. They were led by Group Leader Yvonne Mc Gregor.

Both groups were taken to various places of interest and paid a courtesy visit to the President of Malta, Her Excellency Marie-Louise Colerio Preca at the Palace in Valletta.



IPA Scotland

During the visit, H.E. President was presented with various gifts from both groups.

After the courtesy visit to the President of Malta, they were taken to Police H.Q. where they visited the Malta Police Museum and Crime Museum.



Later they paid a courtesy visit to the Commissioner of Police Mr Michael Cassar at the Officers Mess.

Also here, gifts were presented from both groups. Police Commissioner Cassar also presented mementos to all the members in the groups.

### 2016 Membership Renewal

Membership renewal can be made at IPA Office on Mondays from 9.00 to noon.

### Christmas Greetings

The President of IPA Malta Section and the Committee Members would like to wish all our members and readers of this magazine a Happy Christmas and a Happy New Year to all their loved ones.

ipamalta@gmail.com

ADVERT

ADVERT

# Malta Association of Retired Police Officers

eks-Surġent Joe Borda, PRO/Ass. Teżorier (M.A.R.P.O.)

### Ċerimonja fuq il-Qobra tal-Pulizija

Il-Ħadd 1 ta' Novembru uffiċjali tal-Kunsill attendew għall-quddiesa għal ruħ il-membri mejta tal-Korp. Din il-quddiesa saret fil-kappella taċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata.



Fr. Ray Bonnici, Kappillan tal-Korp, qaddes il-quddiesa. Preżenti waqt il-quddiesa kien hemm il-Kummissarju Michael Cassar, iċ-*Chief of Staff* tal-Ministru għall-Intern u s-Sigurta Nazzjonali Is-Sur Anthony Vella, u uffiċjali għolja tal-Korp. Wara l-quddiesa saret iċ-ċerimonja ta' tberik tal-oqbra, fejn wara tpoġġew għadd ta' kuruni tal-fjuri minn diversi għaqdiet, fosthom il-*Malta Association of Retired Police Officers*, *Malta Police Association*, *Malta Police Union* u *International Police Association* (Malta Section). Fil-15 ta' Novembru saret ċerimonja simili fuq il-qobra tal-Korp li huma midfuna f'Għawdex.

### Midalja għal Servizz Twil u Effiċjenti

Għal kull min hu interessat, qed nikkwota parti mil-Kap. 251 Art 16 (3) Il-membri u l-ex-membri kollha tal-korpi dixxiplinati li jkunu taw is-servizz tagħhom, b'kollox, tul il-



perjodu stipulat fir-regoli magħmulin skont dan l-Att, u li jkunu taw servizz effiċjenti matul iż-żmien kollu, ikunu eliġibbli għall-għoti tal-midalja u tal-*clasp*. Dawk li huma interessati għandhom jagħmlu talba bil-miktub, f'żewġ paragrafi kollox, jintroduċi ruħu lill-Kummissarju, jgħid kemm għamel servizz, li qatt ma irċieva midalja jew *claps*, jgħidu li din it-talba qed issir skont Kap 251 Att dwar Ġieħ ir-Repubblika, Artiklu 16, u li tixtiequ li jkollkom din il-Midalja .

### Kawża

Nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ottubru, 2015 kellna s-Sentenza tal-Appell Kostituzzjonali dwar il-Kawza. L-Appell tagħna ma ġiex milqugħ. L-Avukat tagħna qed jistudja s-sentenza qabel ma niltaqaw miegħu biex niddisukutu jekk hemmx aktar x'nistgħu nagħmlu. Naturalment, il-Kunsill mhux se jiddeċiedi waħdu iżda kif konna għamilna qabel ħadna deċizjoni dwar l-appell, nerġgħu nsejħu laqgħa ġenerali straordinarja biex kull deċizjoni tittiehed flimkien. Filwaqt li nirringrazjawkom tal-appoġġ tagħkom, inzommukom infurmati aktar 'l quddiem u nsellimkom

### Jum it-Tifkira

Fit-8 ta Novembru, il-Kumitat u membri tal-M.A.R.P.O. ħadu sehem fil-parata li issir ħdejn il-Monument tal-Gwerra l-Floriana.





Ta' min ifakkar li matul it-Tieni Gwerra Dinija, il-Korp tal-Pulizija tielef tmien membri li mietu waqt attakki mill-għadu.

Ray Zammit - Segretarju

# Mill-Imgħoddi

Ritratt ta' uffiċjali tal-Korp li kienu għamlu *course* tal-*Life Saving* ċirċa l-1936. Fost dawk li hemm fir-ritratt insibu erba' minnhom li wara kienu saru Kummissarji…dawn huma:- George Cachia, Joseph Axisa, Herbert Grech u Vivian De Grey



**Mizata :** Il-Ħlas ta' €5 jista jsir fl-Uffiċċju tal-Għaqda ġewwa l-Menqa, li jkun miftuħ kull nhar ta' Tnejn bejn id-9.00 a.m. u nofsinhar jew b'ċekk pagabbli lill-M.A.R.P.O. u jimpustawh f'dan indirizz :
M.A.R.P.O. - P.O. Box 36, Birkirkara.

## XEWQAT SBIEĦ

*Il-President, l-Uffiċjali u l-Membri tal-Kunsill jixtiequ l-isbaħ xewqat għall-Milied u s-Sena l-Ġdida lill-membri u lill-familji tagħhom, kif ukoll lill-qarrejja kollha ta' dan il-magażin.*

ADVERT



Ex WPC 20 u RPC 3041 Josianne Galea
1962 - 2015
1982 - 1994 & 2014 - 2015
(Serving)



Ex PC 412 John Attard
1930 – 2015
1953 – 1977



Ex 2/SM 1105 Anthony Grech
1938 – 2015
1959 – 1987



Ex PC 803 Peter Rotin
1933 – 2015
1955 – 1980
(Gozo)



Ex PC 240 Grezzju Xerri
1929 – 2015
1953 – 1975
(Gozo)

Advert

advert